(8) L-għarfien xjentifiku l-ġdid jindika riskju sinifikanti minn bosta sustanzi niġġiesa oħrajn li jinstabu fil-korpi tal-ilma, minbarra dawk diġà regolati. Fl-ilma ta' taħt l-art, ġiet identifikata problema partikolari permezz ta' monitoraġġ volontarju għas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) u għall-farmaċewtiċi. Il-PFAS instabu f'aktar minn 70 % tal-punti ta' kejl tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni u l-limiti nazzjonali eżistenti jinqabżu b'mod ċar f'numru konsiderevoli ta' postijiet, u s-sustanzi farmaċewtiċi jinstabu wkoll b'mod wiesa'. Fl-ilmijiet tal-wiċċ, l-aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħu diġà huma elenkati bħala sustanzi prijoritarji, iżda PFAS oħrajn issa huma rikonoxxuti wkoll li joħolqu riskju. Il-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b tad-Direttiva 2008/105/KE kkonferma riskju fl-ilmijiet tal-wiċċ minn numru ta' sustanzi farmaċewtiċi li għalhekk jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi prijoritarji.	(8) L-għarfien xjentifiku l-ġdid jindika riskju sinifikanti minn bosta sustanzi niġġiesa oħrajn li jinstabu fil-korpi tal-ilma, minbarra dawk diġà regolati. Fl-ilma ta' taħt l-art, ġiet identifikata problema partikolari permezz ta' monitoraġġ volontarju għas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) u għall-farmaċewtiċi. Il-PFAS instabu f'aktar minn 70 % tal-punti ta' kejl tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni u l-limiti nazzjonali eżistenti jinqabżu b'mod ċar f'numru konsiderevoli ta' postijiet, u s-sustanzi farmaċewtiċi jinstabu wkoll b'mod wiesa'. Fl-ilmijiet tal-wiċċ, l-aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħu diġà huma elenkati bħala sustanzi prijoritarji, iżda PFAS oħrajn issa huma rikonoxxuti wkoll li joħolqu riskju. Il-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b tad-Direttiva 2008/105/KE kkonferma riskju fl-ilmijiet tal-wiċċ minn numru ta' sustanzi farmaċewtiċi li għalhekk jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi prijoritarji. ***Dawk is-sustanzi jeħtieġ li jiġu mmonitorjati meta l-valutazzjoni tar-***

riskju u l-ġestjoni tar-riskju tal-baċiri idrografiċi għall-punti tal-astrazzjoni, imwettqa skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2020/2184, jikkonkludu li dawk is-sustanzi x'aktarx ikunu preżenti fi provvista tal-ilma partikolari. Barra minn hekk, il-valuri jenħtieġ li jiġu applikati biss wara l-iżvilupp ta' linji gwida tekniċi għall-monitoraġġ ta' dan il-parametru f'konformità mal-Artikolu 13(7) tad-Direttiva (UE) 2020/2184.

Or. it

Emenda 58
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-għarfien xjentifiku l-ġdid jindika riskju sinifikanti minn bosta sustanzi niġġiesa oħrajn li jinstabu fil-korpi tal-ilma, minbarra dawk diġà regolati. Fl-ilma ta' taħt l-art, ġiet identifikata problema partikolari permezz ta' monitoraġġ volontarju għas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) u għall-farmaċewtiċi. Il-PFAS instabu f'aktar minn 70 % tal-punti ta' kejl tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni u l-limiti nazzjonali eżistenti jinqabżu b'mod ċar f'numru konsiderevoli ta' postijiet, u s-sustanzi farmaċewtiċi jinstabu wkoll b'mod wiesa'. Fl-ilmijiet tal-wiċċ, l-aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħu diġà huma elenkati bħala sustanzi prijoritarji, iżda PFAS oħrajn issa huma rikonoxxuti wkoll li joħolqu riskju. Il-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b tad-Direttiva 2008/105/KE kkonferma riskju fl-ilmijiet tal-wiċċ minn numru ta' sustanzi farmaċewtiċi li għalhekk jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi prijoritarji.	(8) L-għarfien xjentifiku l-ġdid jindika riskju sinifikanti minn bosta sustanzi niġġiesa oħrajn li jinstabu fil-korpi tal-ilma, minbarra dawk diġà regolati. Fl-ilma ta' taħt l-art, ġiet identifikata problema partikolari permezz ta' monitoraġġ volontarju għas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) u għall-farmaċewtiċi. Il-PFAS instabu f'aktar minn 70 % tal-punti ta' kejl tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni u l-limiti nazzjonali eżistenti jinqabżu b'mod ċar f'numru konsiderevoli ta' postijiet, u s-sustanzi farmaċewtiċi jinstabu wkoll b'mod wiesa'. ***Jenħtieġ għalhekk li mal-lista ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma ta' taħt l-art li jiġi miżjud subsett ta' PFAS speċifiċi kif ukoll ta' PFAS totali.*** Fl-ilmijiet tal-wiċċ, l-aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħu diġà huma elenkati bħala sustanzi prijoritarji, iżda PFAS oħrajn issa huma rikonoxxuti wkoll li joħolqu riskju. ***Jenħtieġ għalhekk li mal-lista ta' sustanzi prijoritarji tal-ilma ta' taħt l-art li jiżdied subsett ta' PFAS speċifiċi kif ukoll ta'***

PFAS totali. Il-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b tad-Direttiva 2008/105/KE kkonferma riskju fl-ilmijiet tal-wiċċ minn numru ta' sustanzi farmaċewtiċi li għalhekk jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi prijoritarji. ***Bisfenol A qed jiġi sostitwit b'bisfenoli oħra bi proprjetajiet simili. Għalhekk jenħtieġ li l-bisfenoli jiżdiedu mal-lista ta' prijorità.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-problema tal-PFAS tmur lil hinn sew minn 24 sustanza speċifika. Total ta' 10 000 PFAS huma magħrufa, kollha bi proprjetajiet perikoluż simili. PFAS totali diġà huma elenkati fid-direttiva dwar l-ilma tax-xorb. Għalhekk, b'analoġija, il-PFAS totali għandhom jiġu jiżdiedu kemm mal-lista ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma ta' taħt l-art kif ukoll mal-lista ta' sustanzi prijoritarji.

Emenda 59
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena, Tiemo Wölken

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***8a. L-atrażina hija erbiċida użata għall-ħaxix ħażin annwali bil-weraq wiesgħin u l-ħaxix annwali fiċ-ċereali. L-użu tal-atrażina fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma għadux awtorizzat fl-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/248/KE[1a]. Ġie ppruvat li l-atrażina hija sustanza li toħloq tfixkil endokrinali, b'evidenza li tinterferixxi mar-riproduzzjoni u mal-iżvilupp, u tista' tkun kawża tal-kanċer. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, li vvalutat il-pestiċidi skont l-effett jew il-limiti ta' kwalità bejn l-2013 u l-2020, sabet li l-pestiċidi nqabżu f'bejn 4 % u 11 % tas-siti ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art, l-aktar eċċessi ta' atrażina u tal-**

metaboliti tagħha. Meta titqies il-preżenza persistenti tagħha fl-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art tal-Unjoni u sabiex jiġi żgurat li l-valuri ta' limitu għall-atrażina ma jaqbżux l-EQS tal-pestiċidi u tal-metaboliti totali, jenħtieġ li jiġi aġġustat il-valur ta' limitu għall-atrażina fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, anke f'konformità mal-valur limitu għall-istess sustanza stabbilit fid-Direttiva (UE) 2020/2184[1b].

[1a] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2004 biex l-atrażina ma titniżżilx fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u biex l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom ikun hemm din is-sustanza attiva jiġu rtirati, ĠU L 78.

[1b] Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Or. en

Emenda 60
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Minbarra l-kost fuq il-bijodiversità u s-sistemi tat-trattament tal-ilma, it-tniġġis tal-ilma huwa wkoll piż kbir fuq is-sistema tas-saħħa pubblika. L-indirizzar ta' din il-kwistjoni billi jiġu implimentati limiti aktar baxxi ta' konċentrazzjoni ta' sustanzi u l-indirizz tat-tniġġis f'ras il-għajn tiegħu huwa wkoll mod effiċjenti biex jikkontribwixxi għal finanzi pubbliċi sodi. Il-kost tas-sanità tal-ilma huwa maqsuma b'mod mhux uniformi u

jenħtieġ li jiddependi aktar minn min iniġġes aktar milli fuq il-kontribwenti. Is-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) waħedhom jikkawżaw kostijiet relatati mas-saħħa ta' EUR 2,8–4,6 biljun għall-pajjiżi Nordiċi u EUR 52–84 biljun għall-pajjiżi kollha taż-ŻEE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kost fuq medda qasira ta' żmien biex jiġu ffiltrati s-sustanzi tossiċi spiss jitressaq biex jiġġustifika limiti ta' konċentrazzjoni ogħla ta' sustanzi tossiċi, mingħajr ma jitqies il-kost fit-tul fuq is-sistema tas-saħħa.

Emenda 61
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena, Tiemo Wölken

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***8b. Skont l-SCHEER[1a] u l-EMA[1b], l-istandard ġeneriku tal-kwalità ta' 0,1 µg/L u 0,5 µg/L għall-ilma ta' taħt l-art, issuġġerit għall-pestiċidi individwali u għat-total tal-pestiċidi kollha rispettivament, kif speċifikat fid-Direttiva 2006/118/KE, ġie stabbilit fis-snin 80, abbażi tas-sensittività kimika analitika disponibbli f'dak iż-żmien. Il-valur prestabbilit ta' 0,1 µg/L għall-pestiċidi individwali mhuwiex ippruvat li huwa protettiv biżżejjed għas-saħħa tal-bniedem u għall-ekosistema tal-ilma ta' taħt l-art, u xi drabi huwa ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-valuri ta' limitu għal ħafna pestiċidi u fungiċidi fil-lista ta' sustanzi prijoritarji fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Filwaqt li tqis ukoll l-opinjoni tal-SCHEER li l-ebda valur ta' limitu tal-ilma ta' taħt l-art ma jenħtieġ li jkun ogħla mill-EQS għall-**

ilma tal-wiċċ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-valuri ta' limitu għall-pestiċidi individwali u s-somma tal-pestiċidi kollha fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE billi tapplika metodi analitiċi moderni u tqabbilhom fir-rigward tal-aħjar għarfien tossikoloġiku disponibbli. Sakemm isir dan ir-rieżami, u f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju espress mill-fornituri tal-ilma tax-xorb fil-Memorandum Ewropew tal-Ilma ta' Taħt l-Art[1c], jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu interim.

[1a] SCHEER. Contribution to ENV consultation: Comments on the Commission's proposal for amending the WFD/GWD/EQSD (Il-Kontribut għall-konsultazzjoni tal-ENV: Kummenti dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-emendar tad-WFD/GWD/EQSD), Marzu 2023. SCHEER. Groundwater quality standards for proposed additional pollutants in the annexes to the Groundwater Directive (2006/118/EC) (Standards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art għal sustanzi niġġiesa addizzjonali proposti fl-annessi tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (2006/118/KE)), Lulju 2022.

[1b] EMA. Assessing the toxicological risk to human health and groundwater communities from veterinary pharmaceuticals in groundwater - Scientific guideline (Il-valutazzjoni tar-riskju tossikoloġiku għas-saħħa tal-bniedem u l-komunitajiet tal-ilma ta' taħt l-art minn farmaċewtiċi veterinarji fl-ilma ta' taħt l-art - Linji gwida xjentifiċi), April 2018.

[1c] European Groundwater Memorandum: To secure the quality and quantity of drinking water for future generations (Memorandum Ewropew dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art: Biex jiġu żgurati l-kwalità u l-kwantità tal-ilma tax-xorb għall-ġenerazzjonijiet futuri), Marzu 2022.

Or. en

Emenda 62
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. It-tniġġis tal-ilma jippreżenta riskju mhux biss għall-bijodiversità u għan-nies li jgħixu fil-viċinanza tal-ilma kkontaminat, iżda wkoll għall-ħaddiema esposti għal livelli ta' konċentrazzjoni ta' sustanzi tossiċi li huma perikoluż, speċjalment, iżda mhux esklużivament, fis-setturi tas-sanità u tal-agrikoltura. Fl-10 ta' Ġunju 2022, il-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol tal-ILO, id-dritt għal ambjent tax-xogħol san u sikur ġie miżjud mad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol rikonoxxuti universalment. L-Istati Membri jenħtieġ li jżidu l-frekwenza tal-ispezzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li jqisu l-esponiment tal-ħaddiema għal sustanzi tossiċi fl-ilma. Huwa imperattiv li wieħed imur ferm lil hinn mill-objettiv minimu ta' spettur wieħed għal kull 10,000 ħaddiem stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), madankollu, ħafna Stati Membri għadhom ma jissodisfawx.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi pprevenut it-tniġġis tal-ilma minn attivitajiet ekonomiċi kif ukoll biex jiġi żgurat li l-ħaddiema esposti għal sustanzi tossiċi u l-ilma mniġġes ikunu mgħammra b'mod adegwat, il-frekwenza u r-reqqa tal-ispezzjonijiet għandhom jiżdiedu biex jagħmlu effettiv id-dritt għal ambjent tax-xogħol sikur u san.

Emenda 63

Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena, Tiemo Wölken

Proposta għal direttiva
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8c. Bisfenol A jenħtieġ li jiġi ttrattat bħala sustanza perikoluża prijoritarja u jenħtieġ li tiżdied mal-lista fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Ir-rapporti xjentifiċi juru li anke l-bisfenoli għajr il-bisfenol A wrew potenzjal li jfixklu s-sistema endokrinali u t-taħlitiet ta' dawk il-bisfenoli jirrappreżentaw riskju ekotossikoloġiku. Minħabba li dawk is-sejbiet xjentifiċi jqajmu tħassib dwar l-użu sikur ta' alternattivi għall-bisfenoli li jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi parametru "Bisfenoli Totali" u EQS xieraq għat-total tas-sustanzi tal-bisfenol.

Or. en

Emenda 64
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jidentifikaw il-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jimmonitorjawhom, u jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw id-deterjorament fil-kwalità tagħhom u sabiex inaqqsu l-livell ta' trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ fil-produzzjoni ta' ilma li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem. F'dan il-kuntest, il-mikroplastiks ġew identifikati bħala riskju ***potenzjali*** għas-saħħa tal-	(9) Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jidentifikaw il-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jimmonitorjawhom, u jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw id-deterjorament fil-kwalità tagħhom u sabiex inaqqsu l-livell ta' trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ fil-produzzjoni ta' ilma li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem. F'dan il-kuntest, il-mikroplastiks ġew identifikati bħala riskju għas-saħħa tal-bniedem, iżda

bniedem, iżda hija meħtieġa aktar data ta' monitoraġġ sabiex tiġi kkonfermata l-ħtieġa li jiġi stabbilit standard ta' kwalità ambjentali għall-mikroplastiks fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art. Għalhekk, jenħtieġ li l-mikroplastiks jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art u jenħtieġ li jiġu mmonitorjati hekk kif il-Kummissjoni tkun identifikat metodi ta' monitoraġġ xierqa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqiesu l-metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskji mill-mikroplastiks fl-ilma tax-xorb, żviluppati skont id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57].

[57] Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

hija meħtieġa aktar data ta' monitoraġġ sabiex tiġi kkonfermata l-ħtieġa li jiġi stabbilit standard ta' kwalità ambjentali għall-mikroplastiks fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art. Għalhekk, jenħtieġ li l-mikroplastiks jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art u jenħtieġ li jiġu mmonitorjati hekk kif il-Kummissjoni tkun identifikat metodi ta' monitoraġġ xierqa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqiesu l-metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskji mill-mikroplastiks fl-ilma tax-xorb, żviluppati skont id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57].

[57] Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

Or. en

Emenda 65
Aurélia Beigneux

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. Jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa***. Dan huwa konformi mal-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew***	(10) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. Jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa.

'Saħħa Waħda' kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi", adottat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017, u mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, li tindirizza wkoll dan it-tħassib.

Or. fr

Emenda 66
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. Jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa. Dan huwa konformi mal-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew 'Saħħa Waħda' kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi", adottat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017, u mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, li tindirizza wkoll dan it-tħassib.	(10) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. ***Madankollu, diġà nafu li r-reżistenza batterika għall-antimikrobiċi hija responsabbli għal aktar minn miljun każ ta' mewt globalment kull sena.*** Jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa. Dan huwa konformi mal-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew 'Saħħa Waħda' kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi", adottat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017, u mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, li tindirizza wkoll dan it-tħassib.

Or. cs

Emenda 67
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni maħsuba għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art tkun aġġornata fir-rigward tal-pass li bih qed jevolvu sustanzi kimiċi ġodda u emerġenti li għandhom il-potenzjal, bħala sustanzi niġġiesa, li jikkawżaw riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent akkwatiku, jenħtieġ li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' politika li jidentifikaw u jivvalutaw tali sustanzi ta' tħassib emerġenti. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitfassal approċċ li jippermetti l-monitoraġġ u l-analiżi ta' numri addizzjonali ta' tali sustanzi jew gruppi ta' sustanzi taħt il-listi ta' sorveljanza għall-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art, iżda biss f'każijiet li fihom il-Kummissjoni tista' turi li dawk is-sustanzi joħolqu riskju għoli ta' ħsara irreparabbli. Id-dimostrazzjoni tal-Kummissjoni f'dak ir-rigward għandha tiġi proposta u tgħaddi minn konsultazzjoni pubblika skont ir-regoli eżistenti rigward proposti biex tinbidel il-leġiżlazzjoni tal-UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Approċċ aktar varjat biex jiġi indirizzat il-periklu potenzjali ta' sustanzi kimiċi ġodda u emerġenti, filwaqt li fl-istess ħin jitqiesu l-evidenza empirika u t-tfassil tajjeb tal-politika.

Emenda 68
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Ġie espress tħassib dwar ir-riskju tas-sulfati u l-ksanati fl-ambjent akkwatiku. Is-sulfati diġà huma elenkati

bħala sustanza niġġiesa għall-ilma ta' taħt l-art, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. Għalhekk, is-sulfati jenħtieġ li jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma talwiċċ u ta' taħt l-art. Il-ksanati jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ.

Or. en

Emenda 69
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Meta jitqies l-għarfien dejjem jikber tar-rilevanza tat-taħlitiet u, għalhekk, tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti għad-determinazzjoni tal-istat kimiku, u meta jitqies li diġà jeżistu metodi ta' monitoraġġ robusti biżżejjed ibbażati fuq l-effetti għal sustanzi estroġeniċi, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw tali metodi sabiex jivvalutaw l-effetti kumulattivi ta' sustanzi estroġeniċi fl-ilmijiet tal-wiċċ fuq perjodu ta' mill-anqas sentejn. Dan se jippermetti t-tqabbil tar-riżultati bbażati fuq l-effetti mar-riżultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi estroġeniċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak it-tqabbil se jintuża sabiex jiġi vvalutat jekk il-metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti jistgħux jintużaw bħala metodi ta' skrinjar affidabbli. ***L-użu ta' tali*** metodi ta' skrinjar ***ikollu l-vantaġġ li jippermetti*** li jiġu koperti l-effetti tas-sustanzi estroġeniċi kollha li għandhom effetti simili, u mhux biss dawk elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Id-definizzjoni ta' EQS fid-Direttiva 2000/60/KE jenħtieġ li tiġi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li fil-futur tkun tista' tkopri wkoll il-valuri ta'	(11) Meta jitqies l-għarfien dejjem jikber tar-rilevanza tat-taħlitiet u, għalhekk, tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti għad-determinazzjoni tal-istat kimiku, u meta jitqies li diġà jeżistu metodi ta' monitoraġġ robusti biżżejjed ibbażati fuq l-effetti għal sustanzi estroġeniċi, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw tali metodi sabiex jivvalutaw l-effetti kumulattivi ta' sustanzi estroġeniċi fl-ilmijiet tal-wiċċ fuq perjodu ta' mill-anqas sentejn. Dan se jippermetti t-tqabbil tar-riżultati bbażati fuq l-effetti mar-riżultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi estroġeniċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak it-tqabbil se jintuża sabiex jiġi vvalutat jekk il-metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti jistgħux jintużaw bħala metodi ta' skrinjar affidabbli. ***L-evalwazzjonijiet se jkunu limitati għall-użu ta'*** metodi ta' skrinjar ***li, fil-komunità xjentifika, urew li jipprovdu data preċiża b'affidabbiltà għolja. Dan jagħmilha possibbli*** li jiġu koperti l-effetti tas-sustanzi estroġeniċi kollha li għandhom effetti simili, u mhux biss dawk elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Id-definizzjoni ta' EQS fid-

attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti.

Direttiva 2000/60/KE jenħtieġ li tiġi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li fil-futur tkun tista' tkopri wkoll il-valuri ta' attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti. ***Sabiex il-metodi ta' skrinjar jintwerew fil-komunità xjentifika b'affidabbiltà għolja, il-metodi jridu jiġu proposti u sottomessi għal avviż pubbliku u kummenti f'konformità mal-proċess eżistenti biex jiġu proposti emendi għad-Direttivi tal-UE.***

Or. it

Emenda 70
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Meta jitqies l-għarfien dejjem jikber tar-rilevanza tat-taħlitiet u, għalhekk, tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti għad-determinazzjoni tal-istat kimiku, u meta jitqies li diġà jeżistu metodi ta' monitoraġġ robusti biżżejjed ibbażati fuq l-effetti għal sustanzi estroġeniċi, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw tali metodi sabiex jivvalutaw l-effetti kumulattivi ta' sustanzi estroġeniċi fl-ilmijiet tal-wiċċ fuq perjodu ta' mill-anqas sentejn. Dan se jippermetti t-tqabbil tar-riżultati bbażati fuq l-effetti mar-riżultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi estroġeniċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak it-tqabbil se jintuża sabiex jiġi vvalutat jekk il-metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti jistgħux jintużaw bħala metodi ta' skrinjar affidabbli. L-użu ta' tali metodi ta' skrinjar ikollu l-vantaġġ li jippermetti li jiġu koperti l-effetti tas-sustanzi estroġeniċi kollha li għandhom effetti simili, u mhux biss dawk elenkati fl-Anness I tad-	(11) Meta jitqies l-għarfien dejjem jikber tar-rilevanza tat-taħlitiet u, għalhekk, tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti għad-determinazzjoni tal-istat kimiku, u meta jitqies li diġà jeżistu metodi ta' monitoraġġ robusti biżżejjed ibbażati fuq l-effetti għal sustanzi estroġeniċi, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw tali metodi sabiex jivvalutaw l-effetti kumulattivi ta' sustanzi estroġeniċi fl-ilmijiet tal-wiċċ fuq perjodu ta' mill-anqas sentejn. Dan se jippermetti t-tqabbil tar-riżultati bbażati fuq l-effetti mar-riżultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi estroġeniċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak it-tqabbil se jintuża sabiex jiġi vvalutat jekk il-metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti jistgħux jintużaw bħala metodi ta' skrinjar affidabbli. ***Il-valutazzjonijiet rilevanti jenħtieġ li jkunu limitati għall-użu biss ta' tali metodi ta' skrinjar li jkunu ġew ippruvati li jipprovdu data preċiża mill-komunità xjentifika u, barra minn hekk, li***

Direttiva 2008/105/KE. Id-definizzjoni ta' EQS fid-Direttiva 2000/60/KE jenħtieġ li tiġi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li fil-futur tkun tista' tkopri wkoll il-valuri ta' attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti.

jkunu għaddew minn konsultazzjoni pubblika f'konformità mar-regoli eżistenti rigward il-proposta biex tinbidel il-leġiżlazzjoni tal-UE. L-użu ta' tali metodi ta' skrinjar ikollu l-vantaġġ li jippermetti li jiġu koperti l-effetti tas-sustanzi estroġeniċi kollha li għandhom effetti simili, u mhux biss dawk elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Id-definizzjoni ta' EQS fid-Direttiva 2000/60/KE jenħtieġ li tiġi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li fil-futur tkun tista' tkopri wkoll il-valuri ta' attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-metodi ta' skrinjar iridu jkunu bbażati fuq xjenza soda u jirrispettaw proċess sod ta' tfassil ta' politika.

Emenda 71
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma[58] (l-"evalwazzjoni") ikkonkludiet li l-proċess għall-identifikazzjoni u l-elenkar ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u għall-istabbiliment jew ir-reviżjoni tal-istandards ta' kwalità għalihom fid-dawl ta' għarfien xjentifiku ġdid jista' jiġi aċċellerat. Kieku dawk il-kompiti kellhom jitwettqu mill-Kummissjoni, aktar milli fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja kif previst bħalissa fl-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE, il-funzjonament tal-mekkaniżmi tal-lista ta' sorveljanza tal-	(12) L-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma[58] (l-"evalwazzjoni") ikkonkludiet li l-proċess għall-identifikazzjoni u l-elenkar ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u għall-istabbiliment jew ir-reviżjoni tal-istandards ta' kwalità għalihom fid-dawl ta' għarfien xjentifiku ġdid jista' jiġi aċċellerat. Kieku dawk il-kompiti kellhom jitwettqu mill-Kummissjoni, aktar milli fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja kif previst bħalissa fl-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE, il-funzjonament tal-mekkaniżmi tal-lista ta' sorveljanza tal-

ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, b'mod partikolari f'termini taż-żmien u s-sekwenza tal-elenkar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riżultati, jista' jittejjeb, ir-rabtiet bejn il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza u r-rieżamijiet tal-listi ta' sustanzi niġġiesa jistgħu jissaħħu, u l-bidliet fil-listi ta' sustanzi niġġiesa jistgħu jqisu l-progress xjentifiku aktar malajr. Għalhekk, u minħabba l-ħtieġa li jiġu emendati l-listi ta' sustanzi niġġiesa u l-EQS tagħhom fil-pront fid-dawl ta' għarfien xjentifiku u tekniku ġdid, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE fir-rigward tal-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-EQS korrispondenti stabbiliti fil-Parti A ta' dak l-Anness u sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE fir-rigward tal-lista ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandards ta' kwalità stabbiliti f'dak l-Anness. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ir-riżultati tal-monitoraġġ tas-sustanzi fuq il-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li jitħassru l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Anness X ta' dik id-Direttiva, kif ukoll l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE.

[58] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u tad-Direttiva dwar l-Għargħar, SWD(2019) 439 final.

ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, b'mod partikolari f'termini taż-żmien u s-sekwenza tal-elenkar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riżultati, jista' jittejjeb, ir-rabtiet bejn il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza u r-rieżamijiet tal-listi ta' sustanzi niġġiesa jistgħu jissaħħu, u l-bidliet fil-listi ta' sustanzi niġġiesa jistgħu jqisu l-progress xjentifiku aktar malajr. Għalhekk, u minħabba l-ħtieġa li jiġu emendati l-listi ta' sustanzi niġġiesa u l-EQS tagħhom fil-pront fid-dawl ta' għarfien xjentifiku u tekniku ġdid, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE fir-rigward tal-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-EQS korrispondenti stabbiliti fil-Parti A ta' dak l-Anness u sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE fir-rigward tal-lista ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandards ta' kwalità stabbiliti f'dak l-Anness. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ir-riżultati tal-monitoraġġ tas-sustanzi fuq il-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li jitħassru l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Anness X ta' dik id-Direttiva, kif ukoll l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE***, filwaqt li tinżamm il-ħtieġa li jittieħdu miżuri li għandhom l-għan li jwaqqfu jew ineħħu b'mod gradwali r-rimi, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi***.

[58] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u tad-Direttiva dwar l-Għargħar, SWD(2019) 439 final.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 16 tad-Direttiva Qafas attwali dwar l-Ilma mhux biss jipprovdi rieżamijiet perjodiċi tal-lista ta' sustanzi prijoritarji, iżda jipprovdi wkoll strateġiji kontra t-tniġġis tal-ilma. Objettiv ewlieni f'dak ir-rigward fl-Artikolu 16 huwa l-objettiv li jittieħdu miżuri bl-għan li jitwaqqfu jew jitneħħew gradwalment l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi. Dan l-objettiv jeħtieġ li jinżamm.

Emenda 72
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13a. Ċerti sustanzi tossiċi jaffettwaw territorji speċifiċi fl-UE, bħall-pestiċida klordekon ($C_{10}Cl_{10}O$)[1a], li hija persistenti ħafna fl-ambjent u fil-bijoakkumulazzjoni. Għalhekk, dan jaffettwa s-saħħa tal-bniedem permezz tal-konsum tal-ilma. Minkejja li ma taffettwax proporzjon kbir tal-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti attenzjoni speċjali lill-preżenza ta' tali sustanzi perikolużi fil-baċiri tal-ilma tal-Istati Membri.
	1a https://www.anses.fr/fr/content/chlord%C3%A9cone-aux-antilles-les-risques-li%C3%A9s-%C3%A0-l%E2%80%99exposition-alimentaire

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-direttiva tittratta sustanzi ta' tħassib għall-UE kollha. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma jeżentax lill-istituzzjonijiet tal-UE minn skrutinju speċifiku dwar il-preżenza ta' sustanzi tossiċi fl-ilma.

Emenda 73
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13b. Is-settur tal-estrazzjoni fl-Unjoni Ewropea huwa mistenni li jikber biex jiżgura l-iżvilupp tal-industrija b'emissjonijiet żero netti, objettiv spjegat fil-proposta tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika (COM(2023)160). Kif imfakkar fir-rapport 09/2021 tal-EEA[1a], is-settur tal-estrazzjoni għandu impatt dirett fuq il-kwalità u l-kwantità tal-ilma; għalhekk huwa meħtieġ li jiġu infurzati l-oqfsa leġiżlattivi u li jiġu ppjanati u kkontrollati l-użu u r-rimi tal-ilma fl-operazzjonijiet ta' estrazzjoni.
	[1a] Drivers of and pressures arising from selected key water management challenges: A European overview (L-ixprunaturi ta' ċerti sfidi ewlenin tal-ġestjoni tal-ilma u l-pressjonijiet tagħhom: Ħarsa ġenerali Ewropea), rapport 09/2021, EEA

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-settur tal-estrazzjoni għandu impatt f'ħafna modi fuq l-ambjent, u speċjalment il-kwalità tal-ilma, id-drenaġġ tal-minjieri aċidużi, il-kontaminazzjoni tal-metall, it-tniġġis kimiku, l-erożjoni, is-sedimentazzjoni. Fis-snin li ġejjin, anke jekk tkompli l-ottimizzazzjoni tal-kwantitajiet ta' enerġija u ilma użati għall-ipproċessar tal-minerali (Vidal, et al., 2013), din mhijiex mistennija li tikkumpensa għall-effett relatat mat-tnaqqis fil-gradi u ż-żieda fil-kumplessità tal-minerali.

Emenda 74
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

14a. Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE billi tistabbilixxi standard ta' kwalità għat-total tal-PFAS.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PFAS totali diġà għandha tiżdied mal-lista ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma ta' taħt l-art, b'setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-istandard tal-kwalità permezz ta' att delegat.

Emenda 75
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE billi tadatta l-lista ta' sustanzi niġġiesa li għalihom l-Istati Membri għandhom ***jikkunsidraw li*** jistabbilixxu valuri ta' limitu nazzjonali.	(15) Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE billi tadatta l-lista ta' sustanzi niġġiesa li għalihom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri ta' limitu nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Anness II, il-Parti B fih sustanzi tossiċi ħafna magħrufa sew bħal, fost l-oħrajn, il-kadmju, iċ-ċomb u l-merkurju. L-Istati Membri ma għandhomx jikkunsidraw biss li jistabbilixxu limiti għal sustanzi bħal dawn, iżda fil-fatt jagħmlu dan.

Emenda 76

Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE kkonkluda li bosta sustanzi prijoritarji ma għadhomx ta' tħassib għall-Unjoni kollha u, għalhekk, jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu inklużi fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitqiesu bħala sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE flimkien mal-EQS korrispondenti tagħhom. Meta wieħed iqis li dawk is-sustanzi niġġiesa ma għadhomx jitqiesu li huma ta' tħassib għall-Unjoni kollha, l-EQS jeħtieġ li jiġu applikati biss fejn dawk is-sustanzi niġġiesa jistgħu jkunu għadhom ta' tħassib lokali jew reġjonali jew nazzjonali.	(17) Ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE kkonkluda li bosta sustanzi prijoritarji ma għadhomx ta' tħassib għall-Unjoni kollha u, għalhekk, jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu inklużi fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitqiesu bħala sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE flimkien mal-EQS korrispondenti tagħhom. Meta wieħed iqis li dawk is-sustanzi niġġiesa ma għadhomx jitqiesu li huma ta' tħassib għall-Unjoni kollha, l-EQS jeħtieġ li jiġu applikati biss fejn dawk is-sustanzi niġġiesa jistgħu jkunu għadhom ta' tħassib lokali jew reġjonali jew nazzjonali ***sinifikanti***.

Or. de

Emenda 77
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE kkonkluda li bosta sustanzi prijoritarji ma għadhomx ta' tħassib għall-Unjoni kollha u, għalhekk, jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu inklużi fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitqiesu bħala sustanzi niġġiesa speċifiċi	(17) Ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE kkonkluda li bosta sustanzi prijoritarji ma għadhomx ta' tħassib għall-Unjoni kollha u, għalhekk, jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu inklużi fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitqiesu bħala sustanzi niġġiesa speċifiċi

għall-baċiri idrografiċi u jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE flimkien mal-EQS korrispondenti tagħhom. Meta wieħed iqis li dawk is-sustanzi niġġiesa ma għadhomx jitqiesu li huma ta' tħassib għall-Unjoni kollha, l-EQS jeħtieġ li jiġu applikati biss fejn dawk is-sustanzi niġġiesa jistgħu jkunu għadhom ta' tħassib lokali jew reġjonali jew nazzjonali.

għall-baċiri idrografiċi u jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE flimkien mal-EQS korrispondenti tagħhom. Meta wieħed iqis li dawk is-sustanzi niġġiesa ma għadhomx jitqiesu li huma ta' tħassib għall-Unjoni kollha, l-EQS jeħtieġ li jiġu applikati biss fejn dawk is-sustanzi niġġiesa jistgħu jkunu għadhom ta' tħassib lokali jew reġjonali jew nazzjonali ***sinifikanti***.

Or. en

Emenda 78
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	20a. Il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wirt ġeografiku jenħtieġ li ma tiġix traskurata minn din id-Direttiva. L-għerien u ż-żoni karstiċi huma ekosistemi importanti u vulnerabbli u siti ġeoloġiċi uniċi li jeħtieġu protezzjoni. Fiż-żoni karstiċi, l-għerien joffru aċċess naturali għas-sistemi tal-ilma ta' taħt l-art, li huwa ta' importanza kbira għall-provvista tal-ilma tal-popolazzjonijiet. L-akwiferi karstiċi huma l-aktar vulnerabbli għall-kontaminazzjoni u jittrasportaw sustanzi niġġiesa bħall-pestiċidi jew mikroplastiċi f'distanzi kbar permezz ta' passaġġi tal-fluss kumplessi mingħajr filtrazzjoni effettiva. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu implimentati limiti speċifiċi għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art wara rieżami tal-Kummissjoni Ewropea.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għerien u ż-żoni karstiċi ma jibbenefikawx minn livell suffiċjenti ta' protezzjoni legali skont id-dritt tal-UE, minkejja l-fraġilità u l-importanza tal-ekosistema tagħhom. Il-limitazzjoni tal-

preżenza ta' sustanzi tossiċi fl-ilma li jinsab fl-għerien u ż-żoni karstiċi hija mod effiċjenti biex jiġu protetti dawn l-ekosistemi.

Emenda 79
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	20a. Minħabba li l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art huma aktar vulnerabbli għal fatturi ta' stress minn ħafna ekosistemi oħra tal-ilma ħelu, id-diffikultà assoċjata mar-rimedju tal-ilma ta' taħt l-art ikkontaminat u l-importanza tal-ilma ta' taħt l-art bħala sors tal-ilma tax-xorb, jenħtieġ li jiġi applikat approċċ prekawzjonarju meta jiġu stabbiliti l-valuri limitu tal-ilma ta' taħt l-art, biex jiġu protetti l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art, is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art. Fir-rigward ta' dan, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet mid-dokument ta' gwida tal-EMA/CVMP/ERA/103555/2015, jenħtieġ li jiġu applikati limiti tal-fattur 10 (aktar baxxi) għall-ilma ta' taħt l-art meta mqabbel mal-ilma tal-wiċċ.

Or. en

Emenda 80
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet effettiv u koerenti u jiġu	(21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet effettiv u koerenti u jiġu

żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt b'mod ċar fil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa f'lista ta' sorveljanza jew l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku.	żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt b'mod ċar fil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa f'lista ta' sorveljanza jew l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku. ***Għal dan il-għan, l-ECHA jenħtieġ li tidentifika l-livell u l-kombinazzjoni xierqa, proporzjonati u kosteffettivi ta' kontrolli tal-prodotti u tal-proċessi kemm għal sorsi lokalizzati kif ukoll għal sorsi diffużi. Is-sustanzi jenħtieġ ukoll li jingħataw prijorità għal azzjoni abbażi tar-riskju identifikat minn proċedura ta' evalwazzjoni simplifikata bbażata fuq prinċipji xjentifiċi.***
	Or. it

Emenda 81
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta'	(21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta'

deċiżjonijiet effettiv u koerenti u jiġu żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt b'mod ċar fil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa f'lista ta' sorveljanza jew l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku.

deċiżjonijiet effettiv u koerenti u jiġu żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt b'mod ċar fil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza***, ibbażati fuq prinċipji xjentifiċi***. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa f'lista ta' sorveljanza jew l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku. ***Jenħtieġ li l-ECHA tidentifika wkoll livelli kosteffettivi ta' prodotti u kontrolli tal-proċess.***

Or. en

Emenda 82
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet effettiv u koerenti u jiġu żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt	(21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet effettiv u koerenti u jiġu żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt

b'mod ċar fil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa f'lista ta' sorveljanza jew l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku.	b'mod ċar fil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa f'lista ta' sorveljanza jew l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku. ***Għas-sustanzi farmaċewtiċi, jenħtieġ li l-ECHA tikkoopera mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ("EMA").***

Or. en

Emenda 83
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	22a. L-Istati Membri mhux biss għandhom id-dmir li jkejlu, bl-aħjar kapaċità tagħhom, l-istatus kimiku tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-wiċċ, iżda wkoll li jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jipprevjenu t-tniġġis tal-ilma. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jittieħdu aktar miżuri preventivi. Dawn il-miżuri jinkludu aktar kontroll ta' prattiki industrijali u agrikoli u l-projbizzjoni ta' ċerti sustanzi. Il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"

jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-kondiviżjoni tal-kostijiet tal-kejl u l-metodi ta' prevenzjoni bejn l-atturi pubbliċi u privati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-implimentazzjoni xierqa ta' din id-direttiva tiddependi ħafna mill-miżuri preventivi stabbiliti mill-Istati Membri. Ladarba jseħħ it-tniġġis, il-kost tal-estrazzjoni tas-sustanzi perikoluż għandu jiddependi prinċipalment minn min iniġġes.

Emenda 84
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	22b. Id-distribuzzjoni aħjar tal-kostijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jenħtieġ li tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jarmonizzaw il-metodi tagħhom ta' teħid ta' kampjuni biex jiggarantixxu aħjar id-dritt għas-saħħa. Kif iddikjarat fl-Artikolu 12 tal-Patt Internazzjonali għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, id-dritt għas-saħħa huwa rikonoxxut bħala dritt internazzjonali tal-bniedem. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiggarantixxi wkoll id-dritt għas-saħħa peress li l-Artikolu 168 jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" tippermetti finanzjament adegwat għall-monitoraġġ u tippermetti lill-awtoritajiet jarmonizzaw il-metodi tagħhom biex jiżguraw konsistenza fil-monitoraġġ tad-data madwar l-Unjoni. Dan jikkostitwixxi prijorità peress li t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Patt Internazzjonali għad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali jiggarantixxu d-dritt għas-saħħa.

Emenda 85
Aurélia Beigneux

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) It-Trattat ta' Liżbona introduċa distinzjoni bejn is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti ta' implimentazzjoni). Jenħtieġ li d-Direttivi 2000/60/KE u 2006/118/KE jiġu allinjati mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Liżbona.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 86
Aurélia Beigneux

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Is-setgħat imsemmija fl-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2000/60/KE u fil-punt 1.4.1(ix) tal-Anness V ta' dik id-Direttiva, li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 290(1) tat-TFUE, minħabba li jikkonċernaw l-adattamenti tal-Annessi ta' dik id-Direttiva u l-adozzjoni ta' regoli li jissupplimentawha. Għalhekk, jenħtieġ li dawn jiġu kkonvertiti f'setgħat għall-	***imħassar***

Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati.

Or. fr

Emenda 87
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	25a. Minħabba li l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art huma aktar vulnerabbli għal fatturi ta' stress minn ħafna ekosistemi oħra tal-ilma ħelu, id-diffikultà assoċjata mar-rimedju tal-ilma ta' taħt l-art ikkontaminat u l-importanza tal-ilma ta' taħt l-art bħala sors tal-ilma tax-xorb, jenħtieġ li jiġi applikat approċċ prekawzjonarju meta jiġu stabbiliti l-valuri limitu tal-ilma ta' taħt l-art, biex jiġu protetti l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art, is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art. Fir-rigward ta' dan, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet mid-dokument ta' gwida tal-EMA/CVMP/ERA/103555/2015, jenħtieġ li jiġu applikati limiti tal-fattur 10 (aktar baxxi) għall-ilma ta' taħt l-art meta mqabbel mal-ilma tal-wiċċ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art huma aktar vulnerabbli għal fatturi ta' stress minn ħafna ekosistemi oħra tal-ilma ħelu minħabba proċessi ta' degradazzjoni bijoloġika u fiżika aktar bil-mod flimkien ma' ħinijiet itwal ta' residenza għall-ilma. Bħala minimu, l-ebda limitu tal-ilma ta' taħt l-art ma għandu jaqbeż l-EQS korrispondenti tal-ilma tal-wiċċ, iżda wara approċċ prekawzjonarju aħna nippreferu li jiġu stabbiliti limiti aktar baxxi għal ordni waħda għall-ilma ta' taħt l-art meta mqabbel mal-ilma tal-wiċċ.

Emenda 88

Aurélia Beigneux

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Is-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/118/KE, li tipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 290(1) tat-TFUE, minħabba li tikkonċerna l-adattamenti tal-Annessi ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 89
Aurélia Beigneux

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul it-tħejjija ta' atti delegati, il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 90
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul it-tħejjija ta' atti delegati, il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(27) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul it-tħejjija ta' atti delegati, il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. ***Tali konsultazzjonijiet jenħtieġ li jiġu organizzati b'mod li tiġi żgurata parteċipazzjoni mingħajr xkiel u żmien adegwat għall-kontribut tal-partijiet rilevanti.*** B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Or. en

Emenda 91
Aurélia Beigneux

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Is-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 290(2) tat-TFUE, minħabba li	***imħassar***

tikkonċerna l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma u, għalhekk, għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni armonizzata ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data, jenħtieġ li s-setgħa tiġi estiża wkoll sabiex tinkludi l-istabbiliment ta' formati għar-rapportar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istatus f'konformità mal-Artikolu 8(4). Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62].

---

[62] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. fr

Emenda 92
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Is-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu ***290(2)*** tat-TFUE, minħabba li tikkonċerna l-adozzjoni ta'	(28) Is-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu ***290(1)*** tat-TFUE, minħabba li tikkonċerna l-adozzjoni ta'

speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma u***, għalhekk, għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni armonizzata ta' dik id-Direttiva***. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti ***ta' implimentazzjoni***. ***Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data, jenħtieġ li s-setgħa tiġi estiża wkoll sabiex tinkludi l-istabbiliment ta' formati għar-rapportar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istatus f'konformità mal-Artikolu 8(4). Jenħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62].***	speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma u ***b'hekk regoli li jissupplimentawh***. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti ***delegati***.
[62] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti tas-setgħa tal-Artikolu 8(3) fir-rigward tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati jissodisfa l-kriterji għall-atti delegati.

Emenda 93
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Huwa meħtieġ li jitqies ***il-progress*** tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-monitoraġġ tal-istatus tal-korpi tal-ilma	(31) Huwa meħtieġ li jitqies ***l-istat tal-progress*** tekniku u xjentifiku u ***l-aħjar metodi disponibbli*** fil-qasam tal-

f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw data u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.

monitoraġġ tal-istatus tal-korpi tal-ilma f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw data u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.

Or. cs

Emenda 94
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Huwa meħtieġ li jitqies il-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-monitoraġġ tal-istatus tal-korpi tal-ilma f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw data u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, ***jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini,*** li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.	(31) Huwa meħtieġ li jitqies il-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-monitoraġġ tal-istatus tal-korpi tal-ilma f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw data u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data xjentifika taċ-ċittadini tista' ma tipprovdix il-livell meħtieġ ta' akkuratezza.

Emenda 95

Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31a. Il-monitoraġġ tal-istatus tal-korpi tal-ilma jżid il-kostijiet amministrattivi tal-Istati Membri, speċjalment dawk b'riżorsi aktar skarsi u apparat amministrattiv diġà mgħobbi żżejjed. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li taħdem biex tinnomina faċilità Ewropea unika ta' monitoraġġ li tkun kapaċi twettaq ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ meħtieġa meta l-Istati Membri jitolbu dan, u b'hekk jitnaqqsu l-pożijiet finanzjarji u amministrattivi tagħhom. L-użu ta' tali faċilità jenħtieġ li jkun volontarju u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti diġà stabbiliti mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 96
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31a. Jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna, fuq bażi regolari, il-lista ta' sustanzi prijoritarji ambjentali u l-lista ta' sorveljanza skont is-sejbiet xjentifiċi u teknoloġiċi rigward is-setturi ekonomiċi li huma mistennija li jikbru sabiex tinkiseb tranżizzjoni enerġetika u li jippreżentaw riskji għoljin ta' tniġġis tal-ilma. L-aġġornament jenħtieġ li jitħalla jseħħ barra miċ-ċikli ta' aġġornament ġenerali, biex jiġi żgurat titjib kontinwu tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-ilma.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konformità tal-UE mal-objettivi tagħha tan-newtralità karbonika ma tridx tinkiseb għad-detriment ta' impatti ekoloġiċi kbar u mhux kwantifikati fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità tagħna. L-Istati Membri jeħtiġilhom jsegwu pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jivvalutaw aħjar it-theddid ikkawżat minn ċerti setturi emerġenti.

Emenda 97
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Meta jitqiesu ż-żidiet f'avvenimenti tat-temp imprevedibbli, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, u f'inċidenti ta' tniġġis sinifikanti li jirriżultaw fi jew jaggravaw it-tniġġis ***aċċidentali*** transfruntier, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni immedjata dwar tali inċidenti lil Stati Membri potenzjalment affettwati oħrajn u jikkooperaw b'mod effettiv ma' Stati Membri potenzjalment affettwati sabiex itaffu l-effetti tal-avveniment jew tal-inċident. Huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kooperazzjoni transfruntiera f'każ ta' kwistjonijiet transfruntiera aktar strutturali, jiġifieri mhux aċċidentali u aktar fit-tul, li ma jistgħux jissolvew fil-livell tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE. F'każ li tkun meħtieġa assistenza Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jibagħtu talbiet għal assistenza liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni, li se jikkoordina l-offerti possibbli ta' assistenza u l-iskjerament tagħhom permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili,	(32) Meta jitqiesu ż-żidiet f'avvenimenti tat-temp imprevedibbli, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, u f'inċidenti ta' tniġġis sinifikanti li jirriżultaw fi jew jaggravaw it-tniġġis transfruntier, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni immedjata dwar tali inċidenti lil Stati Membri potenzjalment affettwati oħrajn u jikkooperaw b'mod effettiv ma' Stati Membri potenzjalment affettwati sabiex itaffu l-effetti tal-avveniment jew tal-inċident. Huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kooperazzjoni transfruntiera f'każ ta' kwistjonijiet transfruntiera aktar strutturali, jiġifieri mhux aċċidentali u aktar fit-tul, li ma jistgħux jissolvew fil-livell tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE. F'każ li tkun meħtieġa assistenza Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jibagħtu talbiet għal assistenza liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni, li se jikkoordina l-offerti possibbli ta' assistenza u l-iskjerament tagħhom permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili,

f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64].	f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64].
[64] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).	[64] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

Or. en

Emenda 98
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	34a. Din id-Direttiva tintroduċi prestazzjoni teknika u teknoloġika ġdida u aktar eżiġenti, kemm fuq livell analitiku kif ukoll fl-istadju tat-teħid ta' kampjuni. Sabiex dawn is-servizzi jsiru sostenibbli, il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-fattibbiltà ekonomika sabiex tikkwantifika l-piż ekonomiku, burokratiku u amministrattiv fuq l-awtoritajiet kompetenti għall-monitoraġġ, u biex tivverifika alternattivi possibbli, kemm f'termini ta' akkwist aħjar kif ukoll f'termini ta' akkwist u taħriġ tal-persunal.

Or. it

Emenda 99
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	34b. Minħabba n-natura transfruntiera ta' ħafna bażini idroloġiċi, se tkun meħtieġa riċerka xjentifika minn esperti biex tiġi vvalutata definizzjoni omoġenja tal-istandards ta' kwalità ambjentali (EQS) Ewropej ta' sustanzi niġġiesa speċifiċi tal-bażiri idroloġiċi.

Or. it

Emenda 100
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Premessa 34c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	34c. Fid-dawl tal-bidliet proposti minn din id-Direttiva, il-valutazzjoni tal-istatus kimiku għall-ilma tal-wiċċ se tvarja mill-klassifikazzjoni attwali, li se tiddetermina l-ħtieġa ta' analiżi tal-applikazzjoni tal-Politika Agrikola Komunitarja biex tiġi vvalutata kwalunkwe bidla eventwali.

Or. it

Emenda 101
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Premessa 34d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	34d. Minħabba l-importanza ta' metodi analitiċi ta' referenza u metodi bbażati fuq l-effetti msemmija f'din id-Direttiva, ikun essenzjali li jinħarġu linji gwida omoġenji.

Or. it

Emenda 102
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 1, ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:	(1) fl-Artikolu 1, ***il-punt (e),*** ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

Or. cs

Emenda 103
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 1 – punt e - ir-raba' inċiż

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"— għall-ilħuq tal-objettivi ta' ftehimiet internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jimmiraw għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar: permezz ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu jew jiġu eliminati b'mod gradwali l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikoluż, bl-għan aħħari li jinkisbu konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-baħar qrib il-valuri fl-isfond għal sustanzi li jseħħu b'mod naturali u qrib iż-żero għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem.";	"— għall-ilħuq tal-objettivi ta' ftehimiet internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jimmiraw għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar: permezz ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu jew jiġu eliminati b'mod gradwali l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikoluż, ***bl-eċċezzjoni ta' dawk li ma għadhomx jintużaw jew jiġu prodotti fl-Ewropa,*** bl-għan aħħari li jinkisbu konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-baħar qrib il-valuri fl-isfond għal sustanzi li jseħħu b'mod naturali u qrib iż-żero għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem."; ***għas-sustanzi perikoluż prijoritarji li ma għadhomx jintużaw jew jiġu prodotti fl-Ewropa, ikun xieraq li tiġi mmonitorjata u approfondita l-valutazzjoni tagħhom tax-xejriet u l-***

	iskariki, l-emissjonijiet u t-telf relatati magħhom;

Or. it

Emenda 104
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 1 - punt e - ir-raba' inċiż

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— għall-ilħuq tal-objettivi ta' ftehimiet internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jimmiraw għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar, permezz ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu jew jiġu eliminati b'mod gradwali l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi, bl-għan aħħari li jinkisbu konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-baħar qrib il-valuri fl-isfond għal sustanzi li jseħħu b'mod naturali u qrib iż-żero għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem.***;***	— għall-ilħuq tal-objettivi ta' ftehimiet internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jimmiraw għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar, permezz ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu jew jiġu eliminati b'mod gradwali l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi ***u livelli għoljin ta' sustanzi ta' tħassib***, bl-għan aħħari li jinkisbu konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-baħar qrib il-valuri fl-isfond għal sustanzi li jseħħu b'mod naturali u qrib iż-żero għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem.

Or. en

Emenda 105
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
24) "Stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ" tfisser l-istat kimiku meħtieġ sabiex	***imħassar***

jintlaħqu l-objettivi ambjentali għall-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istat kimiku miksub minn korp tal-ilma tal-wiċċ li fih il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa ma jaqbżux l-istandards ta' kwalità ambjentali għas-sustanzi prijoritarji elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u l-istandards ta' kwalità ambjentali għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi f'konformità mal-Artikolu 8(2), il-punt (c), u mal-Artikolu 8d(1) ta' dik id-Direttiva.

Or. it

Emenda 106
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30) "Sustanzi prijoritarji" tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu ***fi proporzjon għoli ta' Stati*** Membri.;	30) "Sustanzi prijoritarji" tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu ***minn maġġoranza kwalifikata tal-Istati*** Membri***, kif determinat mill-Kummissjoni wara avviż pubbliku, diskussjoni u kummenti***;

Or. it

Emenda 107
Karol Karski

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ‘Sustanzi prijoritarji' tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fi proporzjon għoli ta' Stati Membri.";	(30) 'Sustanzi prijoritarji' tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fi proporzjon għoli ta' Stati Membri ***kif determinat mill-Kummissjoni wara avviż pubbliku, diskussjoni u kummenti***.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi speċifikat xi jfisser "proporzjon għoli" biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dak ir-rekwiżit. Huwa importanti li tingħata prijorità lill-użu tar-riżorsi xjentifiċi u l-kapaċità tal-laboratorju, meta jiġu identifikati s-sustanzi prijoritarji u jiġu stabbiliti Standards ta' Kwalità Ambjentali.

Emenda 108
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ‘Sustanzi prijoritarji' tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fi proporzjon għoli ta' Stati Membri.***";**	(30) 'Sustanzi prijoritarji' tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fi proporzjon għoli ta' Stati Membri**,** ***kif determinat mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni pubblika.***;

Or. en

Emenda 109
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 1 - punt 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ‘Sustanzi prijoritarji' tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu ***fi proporzjon għoli ta'*** Stati Membri.";	(30) 'Sustanzi prijoritarji' tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu ***f'diversi*** Stati Membri.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun biżżejjed li sustanza tkun ta' riskju sinifikanti f'diversi Stati Membri - aktar milli fi proporzjon għoli ta' Stati Membri - biex tikkwalifika bħala sustanza prijoritarja.

Emenda 110
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30a. ‘Sustanzi prijoritarji perikoluż i' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala ‘perikoluż i' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.	30a. 'Sustanzi prijoritarji perikoluż i' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala 'perikoluż i' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti***, mobbli*** u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku. ***Is-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali u s-sustanzi***

kklassifikati bħala PBT (persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi), vPvB (persistenti ħafna u akkumulattivi ħafna), PMT (persistenti, mobbli u tossiċi) u vPvM (persistenti ħafna u mobbli ħafna) skont il-klassijiet ta' periklu fir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ huma inklużi wkoll.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni proposta mill-Kummissjoni ta' sustanzi perikoluż prijoritarji ma tinkludix speċifikament l-interferenti endokrinali u l-klassijiet ta' periklu ġodda: PBT (persistenti, bijoakkumulattiv u tossiku), vPvB (persistenti ħafna u akkumulattiv ħafna), PMT (persistenti, mobbli u tossiku) u vPvM (persistenti ħafna u mobbli ħafna). Dawn kollha għandhom jissemmew għall-konsistenza legali mal-Att Delegat 2022/3027 approvat reċentement dwar "Klassijiet ta' periklu u kriterji għall-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ (CLP) tas-sustanzi u t-taħlitiet" li jemenda l-Anness I tar-Regolament CLP.

Emenda 111
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena, Tiemo Wölken

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30a. ‘Sustanzi prijoritarji perikoluż' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala ‘perikoluż' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.	30a. 'Sustanzi prijoritarji perikoluż' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala 'perikoluż' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni***, bħala sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali jew sustanzi identifikati bħala sustanzi PMT/vPvM (Persistenti, Mobbli u Tossiċi/Persistenti ħafna, Mobbli ħafna)*** jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent

akkwatiku***, u li għalihom jeħtieġ li jittieħdu miżuri f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafu 1, il-punt a), il-punt iv***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' sustanzi prijoritarji perikoluż kif proposta mill-Kummissjoni ma tinkludix speċifikament l-interferenti endokrinali jew is-sustanzi li huma identifikati bħala sustanzi PMT/vPvM. Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER) jirrakkomanda li dawk it-tliet klassijiet ta' periklu jiġu inklużi b'mod speċifiku fid-definizzjoni ta' sustanzi prijoritarji perikoluż bħala pass ieħor lejn l-għan ta' "sustanza waħda, valutazzjoni waħda". Barra minn hekk, tiżdied ir-referenza għad-dispożizzjoni ta' skadenza ta' 20 sena għall-eliminazzjoni gradwali ta' dawn is-sustanzi.

Emenda 112
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30a. ‘Sustanzi prijoritarji perikoluż i' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala ‘perikoluż i' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.	30a. 'Sustanzi prijoritarji perikoluż i' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala 'perikoluż i' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni ***jew persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna, jew persistenti, mobbli u tossiċi, jew persistenti ħafna u mobbli ħafna,*** jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku***, u li għalihom iridu jittieħdu miżuri skont il-punt (iv) tal-punt (a) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 4***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' sustanzi prijoritarji perikoluż ġejja mill-Konvenzjoni OSPAR, li ddefiniet sustanzi perikoluż bħala sustanzi li huma persistenti, suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni u tossiċi (PBT), jew li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib bħas-sustanzi PBT. Is-sustanzi li huma persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna, jew persistenti, mobbli u tossiċi, jew persistenti ħafna u mobbli ħafna jagħtu livell ekwivalenti ta' tħassib, u għalhekk għandhom jiġu elenkati b'mod espliċitu. Il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' waqfien għal tali sustanzi, kif meħtieġ mil-liġi attwali, għandha tinżamm.

Emenda 113
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30a. ‘Sustanzi prijoritarji perikoluż' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala ‘perikoluż' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.	30a. 'Sustanzi prijoritarji perikoluż' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala 'perikoluż' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni ***jew li huma interferenti endokrinali jew sustanzi identifikati bħala PMT/vPvM*** jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku ***u li għalihom iridu jittieħdu miżuri f'konformità ma' [referenza għall-miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tal-PHS fi żmien 20 sena mill-elenkar tagħhom]***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni proposta mill-Kummissjoni ta' sustanzi prijoritarji perikoluż ma tinkludix speċifikament l-interferenti endokrinali (ED), jew sustanzi li huma identifikati bħala sustanzi PMT/vPvM (Persistenti, Mobbli u Tossiċi; sustanzi Persistenti Ħafna, Mobbli ħafna). Dawn it-tliet klassijiet ta' periklu għandhom jissemmew għall-konsistenza legali peress li se jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni CLP. Dan iwassal biex pereżempju s-sustanzi prijoritarji 41, 55 u 58

(piretrojdi) u 46-47 (estradjoli) jiġu ttikkettati bħala sustanzi prijoritarji perikolużi minħabba l-proprjetajiet tagħhom li jfixklu s-sistema endokrinali.

Emenda 114
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30a. ‘Sustanzi prijoritarji perikolużi' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala ‘perikolużi' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.	30a. 'Sustanzi prijoritarji perikolużi' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala 'perikolużi' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni ***jew li huma interferenti endokrinali jew sustanzi identifikati bħala PMT/vPvM*** jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.

Or. en

Emenda 115
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30a. ‘Sustanzi prijoritarji perikolużi' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala ‘perikolużi' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala	30a. 'Sustanzi prijoritarji perikolużi' tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala 'perikolużi' fuq il-bażi li huma rikonoxxuti, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi,

tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.	persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rapport xjentifiku nnifsu ma għandux ikun il-bażi għall-inklużjoni tas-sustanza bħala sustanza prijoritarja perikoluża peress li dan jista' potenzjalment iwassal għal twessigħ akbar tal-kamp ta' applikazzjoni u anke inċertezza, filwaqt li b'mod impliċitu jiddevja l-attenzjoni mis-sustanzi rilevanti l-aktar problematiċi.

Emenda 116
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30a. "Sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi" tfisser sustanzi niġġiesa li ma humiex jew ma għadhomx identifikati bħala sustanzi prijoritarji, iżda li l-Istati Membri identifikaw, abbażi tal-valutazzjoni tal-pressjonijiet u l-impatti fuq il-korpi tal-ilma tal-wiċċ imwettqa f'konformità mal-Anness II ta' din id-Direttiva, bħala li joħolqu riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fit-territorju tagħhom.;	***imħassar***

Or. it

Emenda 117
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"standards ta' kwalità ambjentali" tfisser: il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ibbażat fuq l-effetti;	***imħassar***

Or. it

Emenda 118
Karol Karski

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 2 – punt 35)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
‘Standard ta' kwalità ambjentali' tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ibbażat fuq l-effetti.";	***(35)*** 'Standard ta' kwalità ambjentali' tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ibbażat fuq l-effetti ***bbażat fuq l-evidenza ewlenija tal-għarfien xjentifiku disponibbli***.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jiġu stabbiliti EQSs speċifiċi għas-sustanzi, ibbażati fuq xjenza ta' kwalità għolja. Huma meħtieġa aktar eżiti tax-xjenza, metodi standard u validati u dokument ta' gwida ta' referenza għall-applikazzjonijiet EBM u EBT (Skattatur Ibbażat fuq l-Effett).

Emenda 119
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 35)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
‘Standard ta' kwalità ambjentali' tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ibbażat fuq l-effetti.";	***(35)*** 'Standard ta' kwalità ambjentali' tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ***u stabbilit xjentifikament*** ibbażat fuq l-effetti.;

Or. en

Emenda 120
Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – paragrafu 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
'standards ta' kwalità ambjentali': tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota	***(35)*** 'standards ta' kwalità ambjentali': tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew

li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ***ibbażat fuq l-effetti***."	fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ***u bbażat fuq ix-xjenza***;"

Or. de

Emenda 121
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt da (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 37

Test fis-seħħ	*Emenda*
	da. il-punt (37) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"ilma maħsub għal konsum uman" għandu l-istess tifsira bħal fid-Direttiva ***80/778/KEE, kif emendata bid-Direttiva 98/83/KE***.	***(37)***"ilma maħsub għal konsum uman" għandu l-istess tifsira bħal fid-Direttiva ***(UE) 2020/2184***."

Or. en

(32000L0060)

Ġustifikazzjoni

Aġġustament tekniku. Id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb attwalment fis-seħħ hija d-Direttiva (UE) 2020/2184. It-tnejn l-oħra ġew imħassra.

Emenda 122
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt db (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 40

Test fis-seħħ	*Emenda*
	db. L-Artikolu 2, il-punt 40 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"Valur limitu tal-emissjonijiet" tfisser il-massa, espressa f'termini ta' ċerti parametri speċifiċi, konċentrazzjoni u/jew livell ta' emissjoni, li ma jistgħux jinqabżu matul ***perijodu*** wieħed jew aktar ta' żmien. Valuri ta' limiti ta' emissjonijiet jistgħu wkoll jiġu stabbiliti għal ċerti gruppi, familji jew kategoriji ta' sustanzi, b'mod partikolari għal dawk identifikati ***taħt l-Artikolu 16***.	"***(40)*** "Valur limitu tal-emissjonijiet" tfisser il-massa, espressa f'termini ta' ċerti parametri speċifiċi, konċentrazzjoni u/jew livell ta' emissjoni, li ma jistgħux jinqabżu matul ***perjodu*** wieħed jew aktar ta' żmien; Valuri ta' limiti ta' emissjonijiet jistgħu wkoll jiġu stabbiliti għal ċerti gruppi, familji jew kategoriji ta' sustanzi, b'mod partikolari għal dawk identifikati ***fl-Anness I għad-Direttiva 2008/105/KE***.
Il-valuri limiti ta' emmissijoni għal sustanzi jridu normalment japplikaw fil-punt fejn l-emmissjonijiet iħallu l-istallazzjoni, maħlul, li jkun ta' indifferenza għal meta jiġu stabbiliti. Fir-rigward tar-rilaxx indirett fl-ilma, jista' jitqies l-effett ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-installazzjonijiet involuti, sakemm ikun garantit livell ekwivalenti għall-protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu u sakemm li dan ma jwassalx għal livelli ogħla ta' tniġġis fl-ambjent.	Il-valuri limiti ta' emmissijoni għal sustanzi jridu normalment japplikaw fil-punt fejn l-emmissjonijiet iħallu l-istallazzjoni, maħlul, li jkun ta' indifferenza għal meta jiġu stabbiliti. Fir-rigward tar-rilaxx indirett fl-ilma, jista' jitqies l-effett ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-installazzjonijiet involuti, sakemm ikun garantit livell ekwivalenti għall-protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu u sakemm li dan ma jwassalx għal livelli ogħla ta' tniġġis fl-ambjent.

Or. en

(32000L0060)

Ġustifikazzjoni

Aġġustament tekniku. L-Artikolu 16 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tħassar. Għalhekk, għandha ssir referenza għal-lista korrispondenti ta' sustanzi prijoritarji fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE.

Emenda 123
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 3 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali ta' oriġini naturali jew force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, jew inċidenti ***sinifikanti*** ta' tniġġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati minnufih u li tiġi stabbilita l-kooperazzjoni meħtieġa sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi jew l-inċidenti eċċezzjonali.";	4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali ta' oriġini naturali jew force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, jew inċidenti ta' tniġġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati minnufih u li tiġi stabbilita l-kooperazzjoni meħtieġa sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi jew l-inċidenti eċċezzjonali."; ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jista' jiġi affettwat b'mod avvers mit-tniġġis li jseħħ fl-Istat Membru kkonċernat. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat ukoll minn tixrid lill-partijiet ikkonċernati fil-baċiri idrografiċi.***
	Sabiex ikomplu jittejbu l-kooperazzjoni u l-fluss tal-informazzjoni fid-distrett tal-baċin idrografiċi internazzjonali, id-Distretti Internazzjonali tal-Baċiri Idrografiċi kollha għandu jkollhom ukoll proċedura ċara għall-komunikazzjoni u r-rispons ta' emerġenza stabbilita.
	Or. en

Emenda 124
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 3 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali	4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali

ta' oriġini naturali jew force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, jew inċidenti sinifikanti ta' tniġġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati minnufih u li tiġi stabbilita l-kooperazzjoni meħtieġa sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi ***taċ-ċirkostanzi*** jew ***l-inċidenti*** eċċezzjonali.;	ta' oriġini naturali jew force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, jew inċidenti sinifikanti ta' tniġġis ***jew bidliet oħra fl-istatus ta' korp tal-ilma***, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati minnufih u li tiġi stabbilita l-kooperazzjoni meħtieġa sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' ***dawk iċ-ċirkostanzi*** jew ***il-bidliet*** eċċezzjonali.;

Or. cs

Emenda 125
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a) – punt iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) ***L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri*** meħtieġa sabiex ***inaqqsu*** b'mod progressiv ***it-tniġġis*** minn sustanzi prijoritarji ***u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi***, u sabiex ***iwaqqfu*** jew ***jeliminaw*** b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikoluż.;	(iv) ***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri*** meħtieġa sabiex ***tnaqqas*** b'mod progressiv ***l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' tniġġis*** minn sustanzi prijoritarji, u sabiex ***twaqqaf*** jew ***telimina*** b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikoluż ***fi skeda ta' żmien xierqa u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 20 sena wara li sustanza prijoritarja partikolari tkun elenkata bħala perikoluża fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak il-perjodu ta' żmien għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' perjodi ta' żmien aktar stretti fi kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw dawn il-miżuri u jieħdu l-miżuri korrispondenti meħtieġa għal sustanzi niġġiesa speċifiċi tal-baċiri***

idrografiċi.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 16(1) u (6) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jistabbilixxi obbligu fuq il-Kummissjoni li tagħmel proposti għal kontrolli ta' sustanzi prijoritarji (tnaqqis progressiv tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf) kif ukoll għal sustanzi prijoritarji perikoluż (waqfien jew eliminazzjoni gradwali tal-emissjonijiet, l-iskariki). Għal dawn tal-aħħar, ġie ddikjarat b'mod espliċitu li l-iskeda ta' żmien għal tali miżuri ma għandhiex taqbeż l-20 sena wara l-adozzjoni ta' dawk il-proposti. Din hija l-implimentazzjoni tal-UE tal-hekk imsejjaħ għan ġenerazzjonali adottat mill-Konvenzjoni OSPAR fl-1995. Dan jeħtieġ li jinżamm.

Emenda 126
Jessica Polfjärd

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a) – punt iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikoluż.;	(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikoluż. ***Miżuri bħal dawn għandhom prinċipalment jimmiraw u jipprijoritizzaw l-eliminazzjoni tat-tniġġis f'ras il-għajn***;

Or. en

Emenda 127
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a) – punt iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.;	(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi. ***Dawn il-miżuri għandhom jimmiraw primarjament li jeliminaw it-tniġġis f'ras il-għajn***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi evitat u/jew ipprevenut it-tniġġis downstream, il-miżuri ta' mitigazzjoni f'ras il-għajn tat-tniġġis għandhom jingħataw prijorità fuq il-miżuri fil-punt tar-rimi.

Emenda 128
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a) – punt iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.;	(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi ***għal livelli li jiksbu standards ta' kwalità ambjentali stabbiliti***.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara l-għan maħsub tat-test.

Emenda 129
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi;	(iv) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi, ***bl-eċċezzjoni ta' dawk li ma għadhomx jintużaw jew prodotti fl-Ewropa***;

Or. it

Emenda 130
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.;	(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv***, u mingħajr dewmien żejjed,*** it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali***, mingħajr dewmien żejjed***, l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.***"***;

Or. cs

Emenda 131
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a) – punt iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.;	(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi ***u ta' livelli għoljin ta' sustanzi ta' tħassib***.;

Or. en

Emenda 132
Esther de Lange, Cindy Franssen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a) – punt iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ***il-miżuri*** meħtieġa sabiex ***inaqqsu*** b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.;	(iv) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ***primarjament miżuri*** meħtieġa ***bbażati fuq is-sors*** sabiex b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-konnessjonijiet naturali bejn l-Istati Membri, xi Stati Membri jiffunzjonaw bħala "punt ta' rimi" ta' sustanzi perikolużi u għalhekk isofru minn tniġġis li jsir fi Stati Membri oħra. L-unika soluzzjoni hija approċċ ibbażat fuq is-sors fl-Ewropa kollha biex jiġi pprevenut li dawn is-sustanzi jispiċċaw fl-ambjent.

Emenda 133
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt c

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4a. Fl-Artikolu 4, il-punt c tal-paragrafu 4 huwa mħassar; huwa sostitwit b'dan li ġej:
Estensjonijiet iridu jiġu limitati sa' massimu ta' ***żewġ aġġornament*** oħra tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin ***ta' l-ilma*** barra f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali huma tali li l-għanijiet ma' jkunux jistgħu jintlaħqu f'dan il-perjodu.	Estensjonijiet iridu jiġu limitati sa' massimu ta' ***tliet aġġornamenti*** oħra tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin ***tal-ilma*** barra f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali huma tali li l-għanijiet ma' jkunux jistgħu jintlaħqu f'dan il-perjodu.

Or. en

(32000L0060)

Ġustifikazzjoni

Ħafna korpi tal-ilma se jonqsu milli jilħqu l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma sal-iskadenza speċifikata bħalissa. Madankollu, huwa vitali li l-Istati Membri jilħqu l-miri stabbiliti. Għalhekk, hija stabbilita skadenza li tista' tintlaħaq.

Emenda 134
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** sabiex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma f'konformità mal-Anness V ***u*** sabiex tistabbilixxi formati għar-rapportar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istatus f'konformità mal-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).;	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** sabiex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma f'konformità mal-Anness V***. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni*** sabiex tistabbilixxi formati għar-rapportar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istatus f'konformità mal-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati tissodisfa l-kriterji għall-atti delegati.

Emenda 135
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – Paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	aa. Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"(3a) Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida tekniċi għall-UE kollha u standards armonizzati għal sistemi kontinwi u preċiżi (online) ta' monitoraġġ tat-tniġġis tal-kejl tal-kwalità tal-ilma."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn it-tipi ta' sistemi huma meħtieġa biex jinfurmaw lill-awtoritajiet xierqa u lill-pubbliku

ħafna aktar malajr.

Emenda 136
Alexandr Vondra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafi 4 u 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5 li ġejjin:	***imħassar***
"4.	
'4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.***	
5. L-EEA għandha tiżgura li l-informazzjoni magħmula disponibbli f'konformità mal-paragrafu 4 tiġi pproċessata u analizzata regolarment għall-fini li ssir disponibbli, permezz ta' portali rilevanti tal-Unjoni, għall-użu mill-ġdid mill-Kummissjoni u mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u għall-fini li tiġi pprovduta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pubbliku informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u komparabbli, b'mod partikolari dwar l-istatus, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament	

*Ewropew u tal-Kunsill****.*

** Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).*

*** Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).*

**** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).*

***** Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).;*

Or. en

Emenda 137
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V	***imħassar***

u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. it

Emenda 138
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità ***mal-punti*** 1.3.4 ***u 2.4.3*** tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli ***direttament*** għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta'

dan l-Artikolu.

Skema ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) għandha tkopri l-kostijiet tal-ġbir tad-data, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni relatati mas-sustanzi fil-mira u l-atturi involuti fir-rigward tal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Għal dan l-għan, sa [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi preliminari u valutazzjoni tal-impatt ta' skema potenzjali tal-EPR billi tindirizza l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet kollha relatati ma' kull waħda mis-sustanzi fil-mira differenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali, bħala prijorità, għandha tiġi kkoreġuta f'ras il-għajn u li min iniġġes għandu jħallas.

Emenda 139
Jessica Polfjärd

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 200/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-

Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.	Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. ***Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet għall-monitoraġġ tal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, għandha tiġi stabbilita skema ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". L-EPR għandha tiġi stabbilita sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].***

Or. en

Emenda 140
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta'	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli ***bis-sħiħ, mingħajr il-ħtieġa li tali informazzjoni tintalab mill-awtoritajiet kompetenti,*** għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u

dan l-Artikolu.	tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. cs

Emenda 141
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità ***mal-punti*** 1.3.4 ***u 2.4.3*** tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti l-ġodda għar-rapportar tad-data ta' monitoraġġ u l-istatus korrispondenti jikkonċernaw biss l-istat kimiku u ekoloġiku tal-ilma tal-wiċċ. Dan għandu jiġi estiż biex ikopri wkoll data ta' monitoraġġ miġbura dwar l-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art u l-istatus korrispondenti.

Emenda 142
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità ***mal-punti*** 1.3.4 ***u 2.4.3*** tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti l-ġodda għar-rapportar tad-data ta' monitoraġġ u l-istatus korrispondenti jikkonċernaw biss l-istat kimiku u ekoloġiku tal-ilma tal-wiċċ. Dan għandu jiġi estiż biex ikopri wkoll data ta' monitoraġġ miġbura dwar l-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art u l-istatus korrispondenti.

Emenda 143
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f'konformità ***mal-punti*** 1.3.4 ***u 2.4.3*** tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f'konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b'mod elettroniku f'format li jinqara mill-magni f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom mhux biss jippubblikaw id-data ta' monitoraġġ annwali għall-ilmijiet tal-wiċċ, iżda wkoll għall-ilma ta' taħt l-art. Il-punt 1.4.3. jikkonċerna l-frekwenza tal-monitoraġġ għall-ilmijiet tal-wiċċ. Il-punt 2.4.3. jikkonċerna d-dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ operattiv tal-ilma ta' taħt l-art, li min-naħa tiegħu jinkludi l-frekwenza tal-monitoraġġ.

Emenda 144
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-EEA għandha tiżgura li l-informazzjoni magħmula disponibbli f'konformità mal-paragrafu 4 tiġi pproċessata u analizzata regolarment għall-fini li ssir disponibbli, permezz ta' portali	5. L-EEA għandha tiżgura li l-informazzjoni magħmula disponibbli f'konformità mal-paragrafu 4 tiġi pproċessata u analizzata regolarment għall-fini li ssir disponibbli, permezz ta' portali

rilevanti tal-Unjoni, għall-użu mill-ġdid mill-Kummissjoni u mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u għall-fini li tiġi pprovduta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pubbliku informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u komparabbli, b'mod partikolari dwar l-istatus, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****.	rilevanti tal-Unjoni, għall-użu mill-ġdid mill-Kummissjoni u mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u għall-fini li tiġi pprovduta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pubbliku informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u komparabbli, b'mod partikolari dwar l-istatus ***kimiku***, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****.

Or. cs

Emenda 145
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kontrolli tal-emissjonijiet ibbażati fuq l-aħjar tekniki disponibbli;	(a) il-kontrolli tal-emissjonijiet ibbażati fuq l-aħjar tekniki disponibbli***, li għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni permezz ta' regolament delegat***;

Or. it

Emenda 146
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn objettiv ***ta' kwalità***, standard ta' kwalità ***jew*** limitu, kemm jekk stabbilit skont din id-Direttiva, skont id-Direttivi 2006/118/KE jew 2008/105/KE,	3. Fejn objettiv ***ambjentali, inkluż*** standard ta' kwalità***,*** limitu***, telf, skariki jew valuri limitu tal-emissjonijiet u miri ta' tnaqqis***, kemm jekk stabbilit skont din id-

jew skont kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-Unjoni oħra, ikun jeħtieġ kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2, għandhom jiġu stabbiliti kontrolli tal-emissjonijiet aktar stretti kif xieraq.";	Direttiva, skont id-Direttivi 2006/118/KE jew 2008/105/KE, jew skont kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-Unjoni oħra, ikun jeħtieġ kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2, għandhom jiġu stabbiliti kontrolli tal-emissjonijiet aktar stretti kif xieraq.";
	Or. en

Emenda 147
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	7a. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Kull Stat Membru jrid jiżgura li jkun stabbilit għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, jew għall-parti ta' distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara fi ħdan it-territorju tiegħu, programm ta' miżuri, b'konsiderazzjoni tar-riżultati ***ta' l-analiżi*** meħtieġa taħt l-Artikolu 5, sabiex jinkisbu l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4. ***Tali programmi*** ta' miżuri jistgħu jagħmlu referenza għal miżuri li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni adottata fil-livell nazzjonali u li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru. Fejn xieraq, Stat Membru jista' jadotta miżuri applikabbli għad-distretti kollha tal-baċin tax-xmara u/jew il-partijiet tad-distretti internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jaqgħu fit-territorju tiegħu.	"1. Kull Stat Membru jrid jiżgura li jkun stabbilit għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, jew għall-parti ta' distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara fi ħdan it-territorju tiegħu, programm ta' miżuri, b'konsiderazzjoni tar-riżultati ***tal-analiżi*** meħtieġa taħt l-Artikolu 5, sabiex jinkisbu l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4. Tali programmi ta' miżuri ***għandhom jagħtu prijorità lill-miżuri ta' kontroll tas-sors f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni dwar it-tniġġis. Il-miżuri fil-punt tar-rimi għandhom jiġu applikati biss bħala l-aħħar għażla jekk il-miżuri ta' kontroll tas-sors ma jirnexxilhomx jiksbu status tajjeb tal-korpi tal-ilma. Il-programmi*** ta' miżuri jistgħu jagħmlu referenza għal miżuri li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni adottata fil-livell nazzjonali u li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru. Fejn xieraq, Stat Membru jista' jadotta miżuri applikabbli

għad-distretti kollha tal-baċin tax-xmara u/jew il-partijiet tad-distretti internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jaqgħu fit-territorju tiegħu. ***Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida biex tipprovdi kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tas-sors u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri komplementari fl-aħħar tal-proċess.***"

Or. en

(32000L0060)

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 11 "Programm ta' miżuri" fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għandu jippermetti miżuri ta' kontroll f'ras il-għajn għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ilma f'konformità mal-Artikolu 191(2) tat-TFUE u sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati fit-twettiq tal-objettivi ambjentali kif definiti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Hija meħtieġa gwida dwar il-kriterji biex jiġi stabbilit jekk ikunux ġew eżawriti l-miżuri proporzjonati kollha ta' kontroll f'ras il-għajn, qabel ma jiġu implimentati l-miżuri fil-punt tar-rimi. Il-kriterji għandhom jikkunsidraw id-data tal-emissjonijiet mill-inventarji tal-emissjonijiet.

Emenda 148
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	7a. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Kull Stat Membru jrid jiżgura li jkun stabbilit għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, jew għall-parti ta' distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara fi ħdan it-territorju tiegħu, programm ta' miżuri, b'konsiderazzjoni tar-riżultati ***ta' l-analiżi*** meħtieġa taħt l-Artikolu 5, sabiex jinkisbu l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4. ***Tali programmi*** ta' miżuri jistgħu jagħmlu referenza għal miżuri li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni adottata fil-livell nazzjonali u	"1. Kull Stat Membru jrid jiżgura li jkun stabbilit għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, jew għall-parti ta' distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara fi ħdan it-territorju tiegħu, programm ta' miżuri, ***ta' programm ta' miżuri, li għandu jagħti prijorità lill-miżuri ta' kontroll f'ras il-għajn***. ***Is-soluzzjonijiet fil-punt tar-rimi għandhom jiġu applikati biss bħala l-aħħar għażla jekk il-kontroll f'ras il-għajn jonqos milli jikseb stadji tajbin tal-***

li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru. Fejn xieraq, Stat Membru jista' jadotta miżuri applikabbli għad-distretti kollha tal-baċin tax-xmara u/jew il-partijiet tad-distretti internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jaqgħu fit-territorju tiegħu.

korpi tal-ilma, b'konsiderazzjoni tar-riżultati ***tal-analiżi*** meħtieġa taħt l-Artikolu 5, sabiex jinkisbu l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4. ***Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida li tiddefinixxi l-kriterji biex tivvaluta l-applikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll f'ras il-għajn u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri komplementari fil-punt tar-rimi.*** Tali programmi ta' miżuri jistgħu jagħmlu referenza għal miżuri li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni adottata fil-livell nazzjonali u li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru. Fejn xieraq, Stat Membru jista' jadotta miżuri applikabbli għad-distretti kollha tal-baċin tax-xmara u/jew il-partijiet tad-distretti internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jaqgħu fit-territorju tiegħu."

Or. en

(32000L0060)

Ġustifikazzjoni

L-għażla ta' trattament fil-punt tar-rimi għandha dejjem tiġi applikata b'mod parallel mal-miżuri tal-kontroll f'ras il-għajn peress li t-trattament fil-punt tar-rimi mhux se jkun jista' jsolvi l-problema għad-daqsijiet kollha tal-impjanti tat-trattament.

Emenda 149
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) miżuri sabiex jiġi eliminat it-tniġġis tal-ilmijiet tal-wiċċ minn sustanzi prijoritarji perikolużi u sabiex jitnaqqas b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi oħrajn li inkella jipprevjenu lill-Istati Membri milli jilħqu l-objettivi ambjentali għall-korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fl-Artikolu 4;	(k) miżuri sabiex jiġi eliminat it-tniġġis tal-ilmijiet tal-wiċċ minn sustanzi prijoritarji perikolużi ***u livelli għoljin ta' sustanzi ta' tħassib,*** u sabiex jitnaqqas b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi oħrajn li inkella jipprevjenu lill-Istati Membri milli jilħqu l-objettivi ambjentali għall-korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fl-

Artikolu 4;

Or. en

Emenda 150
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt 4 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) miżuri sabiex jiġi eliminat it-tniġġis tal-ilmijiet tal-wiċċ minn sustanzi prijoritarji perikoluży u sabiex jitnaqqas b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi oħrajn li inkella jipprevjenu lill-Istati Membri milli jilħqu l-objettivi ambjentali għall-korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fl-Artikolu 4;;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. cs

Emenda 151
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 11, paragrafu 5, it-tieni inċiż

Test fis-seħħ	*Emenda*
	8a. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 5, it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:
— awtorizzazzjonijiet u permessi relevanti huma eżaminati ***u*** riveduti kif xieraq,	— awtorizzazzjonijiet u permessi relevanti huma eżaminati***,*** riveduti kif xieraq, ***u sospiżi temporanjament f'każ ta' emerġenzi. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-forniturи tas-servizzi tal-ilma jiġu kkonsultati qabel ma jingħata l-permess. L-awtoritajiet għandhom iqisu din l-informazzjoni meta***

jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għal permess,"

Or. en

(32000L0060)

Emenda 152
Jessica Polfjärd

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	8a. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Kull Stat Membru jrid jiżgura li jkun stabbilit għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, jew għall-parti ta' distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara fi ħdan it-territorju tiegħu, programm ta' miżuri, b'konsiderazzjoni tar-riżultati ***tal-analiżi*** meħtieġa taħt l-Artikolu 5, sabiex jinkisbu l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4. Tali programmi ta' miżuri jistgħu jagħmlu referenza għal miżuri li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni adottata fil-livell nazzjonali u li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru. Fejn xieraq, Stat Membru jista' jadotta miżuri applikabbli għad-distretti kollha tal-baċin tax-xmara u/jew il-partijiet tad-distretti internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jaqgħu fit-territorju tiegħu.	Kull Stat Membru jrid jiżgura li jkun stabbilit għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, jew għall-parti ta' distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara fi ħdan it-territorju tiegħu, programm ta' miżuri***, li jagħti prijorità lill-miżuri ta' kontroll f'ras il-għajn***. ***Jekk il-miżuri ta' kontroll f'ras il-għajn ma jirnexxilhomx jiksbu status tajjeb tal-korpi tal-ilma, il-miżuri fil-punt tar-rimi għandhom jiġu applikati bħala l-aħħar alternattiva,*** b'konsiderazzjoni tar-riżultati ***tal-analiżi*** meħtieġa taħt l-Artikolu 5, sabiex jinkisbu l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4. Tali programmi ta' miżuri jistgħu jagħmlu referenza għal miżuri li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni adottata fil-livell nazzjonali u li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru. Fejn xieraq, Stat Membru jista' jadotta miżuri applikabbli għad-distretti kollha tal-baċin tax-xmara u/jew il-partijiet tad-distretti internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jaqgħu fit-territorju tiegħu."

Or. en

(32000L0060)

Emenda 153
Alexandr Vondra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jidentifika kwistjoni li jkollha impatt fuq il-ġestjoni tal-ilma tiegħu, iżda li ma tkunx tista' tissolva minn dak l-Istat Membru, huwa ***għandu*** jinnotifika l-kwistjoni lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat u jagħmel rakkomandazzjonijiet għar-riżoluzzjoni tagħha.	1. Meta Stat Membru jidentifika kwistjoni li jkollha impatt fuq il-ġestjoni tal-ilma tiegħu, iżda li ma tkunx tista' tissolva minn dak l-Istat Membru, huwa ***jista'*** jinnotifika l-kwistjoni lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat u jagħmel rakkomandazzjonijiet għar-riżoluzzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 154
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw sabiex jidentifikaw is-sorsi tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet.	***Il-Kummissjoni għandha twieġeb għal kwalunkwe notifika mill-Istati Membri fi żmien sitt xhur. Meta l-kwistjoni tikkonċerna nuqqas li jintlaħaq stat kimiku tajjeb, il-Kummissjoni għandha taġixxi skont l-Artikolu 7a tad-Direttiva 2008/105/KE.*** L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw sabiex jidentifikaw is-sorsi tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-Artikolu 12(1), il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri issa għandhom ikunu obbligati jinnotifikaw kwistjonijiet li ma jistgħux jittrattaw fil-livell tal-Istati Membri lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra minflok ir-rapport fakultattiv attwali. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tipproponi li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li ssegwi dan. Dan huwa inaċċettabbli, aktar u aktar li l-azzjonijiet f'ras il-għajn jistgħu jsiru kważi biss fil-livell tal-UE. Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jiskattaw ċerti miżuri fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni għandha wkoll tinżamm kompletament responsabbli biex tagħmel dan.

Emenda 155
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrispondu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn ***3 xhur*** wara n-notifika minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafu 1.	L-Istati Membri għandhom jirrispondu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn ***xahar*** wara n-notifika minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa tweġiba aktar rapida biex tkun mgħammra aħjar biex tiffaċċja avvenimenti problematiċi b'impatt minimu fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll fuq l-ekosistema.

Emenda 156
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tiġi informata dwar, u mistiedna tassisti fi,	3. Il-Kummissjoni għandha tiġi informata dwar, u ***tista' tkun*** mistiedna

kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis ir-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 13, tikkunsidra jekk hemmx bżonn li tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-impatti transfruntiera fuq il-korpi tal-ilma.;	tassisti fi, kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis ir-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 13, tikkunsidra jekk hemmx bżonn li tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-impatti transfruntiera fuq il-korpi tal-ilma.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-involviment tal-Kummissjoni fl-assistenza rilevanti għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri kkonċernati.

Emenda 157
Esther de Lange, Cindy Franssen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta qafas leġiżlattiv għal approċċ Ewropew ibbażat fuq is-sors dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis ta' sustanzi perikolużi u sustanzi kimiċi persistenti, sabiex l-Istati Membri kollha jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi ta' dawn is-sustanzi perikolużi u sustanzi kimiċi persistenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-konnessjonijiet naturali bejn l-Istati Membri, xi Stati Membri jiffunzjonaw bħala "punt ta' rimi" ta' sustanzi perikolużi u għalhekk isofru minn tniġġis li jsir fi Stati Membri oħra. L-unika soluzzjoni hija approċċ ibbażat fuq is-sors fl-Ewropa kollha biex jiġi pprevenut li dawn is-sustanzi jispiċċaw fl-ambjent.

Emenda 158
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 3;	***imħassar***

Or. en

Emenda 159
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 3;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni fl-Artikolu 15(3) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tagħti struzzjonijiet lill-Istati Membri biex jissottomettu, fi żmien tliet snin mill-pubblikazzjoni ta' kull pjan ta' mmaniġġjar ta' baċiri idrografiċi, rapport interim li jiddeskrivi l-progress fl-implimentazzjoni tal-programm ta' miżuri ppjanat. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex titħassar u għandha tibqa' fil-leġiżlazzjoni rispettiva sabiex ikun jista' jiġi segwit il-progress interim fl-implimentazzjoni tal-miżuri skont il-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċiri idrografiċi.

Emenda 160
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	10a. Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri jridu, fi żmien tlett snin mill-pubblikazzjoni ta' kull pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara jew aġġornament taħt l-Artikolu 13, jibagħtu rapport interim li jiddeskrivi l-progress fl-implimentazzjoni tal-programm tal-miżuri ppjanati.	L-Istati Membri jridu, fi żmien tlett snin mill-pubblikazzjoni ta' kull pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara jew aġġornament taħt l-Artikolu 13, jibagħtu rapport interim li jiddeskrivi l-progress fl-implimentazzjoni tal-programm tal-miżuri ppjanati. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida u mudelli dwar il-kontenut, l-istruttura u l-format tar-rapporti interim imsemmija fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn... [daħħal id-data sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]."***

Or. en

(32000L0060)

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 15(3) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jagħti struzzjonijiet lill-Istati Membri biex jissottomettu, fi żmien tliet snin mill-pubblikazzjoni ta' kull pjan ta' mmaniġġjar ta' baċiri idrografiċi, rapport interim li jiddeskrivi l-progress fl-implimentazzjoni tal-programm ta' miżuri ppjanat. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex titħassar u għandha tibqa' fil-leġiżlazzjoni rispettiva sabiex ikun jista' jiġi segwit il-progress interim fl-implimentazzjoni tal-miżuri skont il-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċiri idrografiċi. Bil-għan li jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-koerenza tar-rappurtar fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida adegwati.

Emenda 161
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"3a Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin idrografiku ppreżentati mill-Istati Membri meta dawn il-pjanijiet ma jinkludux l-elementi elenkati fl-Anness VII ta' din id-Direttiva."

Or. en

Emenda 162
Ulrike Müller

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva 2000/60/KE
Artikoli 16 u 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) jitħassru l-Artikoli 16 u 17;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikoli 16 u 17 jinkludu dispożizzjonijiet siewja għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju. It-test oriġinali għandu jinżamm fil-prinċipju.

Emenda 163
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva 2000/60/KE
Artikoli 16 u 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) jitħassru l-Artikoli 16 u 17;	***imħassar***

Or. en

Emenda 164
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 16 – Paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	11a. Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jadottaw miżuri speċifiċi kontra t-tniġġis ***ta' l-ilma*** minn kontaminanti individwali jew gruppi ta' kontaminanti li ***jirrapreżentaw*** riskju sinifikanti għal, jew via l-ambjent akkwatiku, inklużi dawk ir-riskji għal ilmijiet użati għal estrazzjoni ***ta' l-ilma*** tax-xorb. Għal dawk il-kontaminanti, miżuri jridu ijkunu mmirati lejn riduzzjoni progressiva u, għal sustanzi prioritarji perikoluż, kif imsemmi fl-Artikolu 2(30), fil-waqfien jew waqfien f'fażijiet ta' ħruġ, emmissjonijiet u telf. Dawn il-miżuri jridu jiġu adottati billi jaġixxu fuq il-proposti preżentati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċeduri stabbiliti fit-Trattat.	"1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jadottaw miżuri speċifiċi kontra t-tniġġis ***tal-ilma*** minn kontaminanti individwali jew gruppi ta' kontaminanti li ***jirrappreżentaw*** riskju sinifikanti għal, jew via l-ambjent akkwatiku, inklużi dawk ir-riskji għal ilmijiet użati għal estrazzjoni ***tal-ilma*** tax-xorb. Għal dawk il-kontaminanti, miżuri jridu jkunu mmirati lejn riduzzjoni progressiva u, għal sustanzi prioritarji perikoluż, kif imsemmi fl-Artikolu 2(30), fil-waqfien jew waqfien f'fażijiet ta' ħruġ, emmissjonijiet u telf ***f'ras il-għajn***. Dawn il-miżuri jridu jiġu adottati billi jaġixxu fuq il-proposti preżentati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċeduri stabbiliti fit-Trattat.

Or. en

(32000L0060)

Emenda 165
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt a
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) sommarju ta' kwalunkwe proposta,	(e) sommarju ta' kwalunkwe proposta,

miżura ta' kontroll u strateġija għall-kontroll tat-tniġġis kimiku jew għat-twaqqif jew l-eliminazzjoni gradwali ta' sustanzi perikoluży;	miżura ta' kontroll u strateġija għall-kontroll tat-tniġġis kimiku jew għat-twaqqif jew l-eliminazzjoni gradwali ta' sustanzi perikoluży ***u l-livelli għoljin ta' sustanzi ta' tħassib***;

Or. en

Emenda 166
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 20a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 20(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ***[OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***.	2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 20(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ***36 xahar wara l-adozzjoni tal-linji gwida dwar metodi bbażati fuq l-effetti***.

Or. it

Emenda 167
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 20a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. ***L-Istati Membri jeħtiġilhom jingħataw biżżejjed***

żmien biex jagħżlu u jinnotifikaw l-esperti rilevanti tagħhom.

Or. en

Emenda 168
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat ***li fih, bħala rappreżentanti tal-Istati Membri, l-esperti għandhom ikunu involuti wkoll fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni tax-xogħlijiet ta' regolamentazzjoni tad-difiża u idrawlika, il-provvista u l-użu tal-ilma prinċipalment għall-irrigazzjoni u l-intervent tal-ħarsien tal-ambjent***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Or. it

Emenda 169
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2000/60/KE
Anness VII – Parti A – punt 7.7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7.7. sommarju tal-miżuri meħuda sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi prijoritarji u sabiex jiġu eliminati gradwalment l-emissjonijiet ta' sustanzi	7.7. sommarju tal-miżuri meħuda sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi prijoritarji ***u livelli għoljin ta' sustanzi ta' tħassib,*** u sabiex jiġu eliminati

prijoritarji perikoluży;";	gradwalment l-emissjonijiet ta' sustanzi prijoritarji perikoluży ***u l-livelli għoljin ta' sustanzi ta' tħassib***;

Or. en

Emenda 170
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Anness VII – parti A – punt 7.7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	18a. Fl-Anness VII, il-parti A, il-punt 7.7, għandu jiddaħħal il-punt li ġej:
	7.7.a Sommarju tal-miżuri meħuda għad-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-ilma.

Or. en

Emenda 171
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2000/60/KE
Anness VIII

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) l-Anness VIII huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Direttiva;	***imħassar***

Or. it

Emenda 172
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva 2000/60/KE
Annessi IX u X

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***jitħassar l-Anness X***.	(20) ***l-Annessi IX u X huma mħassra***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġustament tekniku. Ġew imħassra r-referenzi kollha għall-Anness IX fit-test rivedut tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk, l-Anness IX bħala tali jista' jitħassar.

Emenda 173
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawk il-miżuri jinkludu dawn li ġejjin:	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2000/60/KE. ***Il-ġerarkija tal-miżuri li għandhom jittieħdu għandha tagħti prijorità lir-restrizzjonijiet u miżuri oħra ta' kontroll f'ras il-għajn.*** Dawk il-miżuri jinkludu dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 174
Jessica Polfjärd

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawk il-miżuri jinkludu dawn li ġejjin:	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawk il-miżuri***, li għandhom jagħtu prijorità lill-kontroll f'ras il-għajn,*** jinkludu dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 175
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2
2006/118/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt (ba) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) kriterji għall-valutazzjoni tal-istat ekoloġiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa kriterji għall-valutazzjoni biex jiġu protetti l-ekosistemi akkwatiċi u l-bijodiversità tagħhom.

Emenda 176
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt (ba) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ba) kriterji għall-valutazzjoni tal-istat ekoloġiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa kriterji għall-valutazzjoni tal-istat ekoloġiku tajjeb għall-ilma ta' taħt l-art biex jiġu protetti l-ekosistemi akkwatiċi u l-bijodiversità tagħhom.

Emenda 177
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-valuri ta' limitu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 8(3) u elenkati fil-Parti D tal-Anness II ta' din id-Direttiva;	(c) il-valuri ta' limitu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 8(3) u elenkati fil-Parti D tal-Anness II ta' din id-Direttiva; ***Il-valuri ta' limitu applikabbli għall-ilma ta' taħt l-art ma għandhomx ikunu ogħla mill-EQS korrispondenti għall-ilmijiet tal-wiċċ, meta jitqies li l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art huma aktar vulnerabbli għal fatturi ta' stress u għal ħsarat irriversibbli minn ekosistemi oħra tal-ilma ħelu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa konformi mad-dokument ta' gwida tal-EMA EMA/CVMP/ERA/103555/2015 kif ukoll l-opinjoni tal-SCHEER dwar l-istandards tal-ilma ta' taħt l-art.

Emenda 178
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-valuri ta' limitu stabbiliti*** fil-livell ***tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 8(3) u elenkati fil-Parti D tal-Anness II ta' din id-Direttiva."***;	(c) ***l-istandards tal-kwalità ambjentali definiti*** fil-livell ***Ewropew, li jiżguraw il-konformità bejn l-Istati Membri, filwaqt li jiġu evitati l-inugwaljanzi fil-klassifikazzjoni kimika***;

Or. it

Emenda 179
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-valuri ta' limitu msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, fil-livell tad-distrett tal-baċiri idrografiċi jew fil-parti tad-distrett tal-baċiri idrografiċi internazzjonali li taqa' fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-livell ta' korp jew grupp ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art.;	***imħassar***

Or. it

Emenda 180
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Isabella Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
‘5.	
Il-valuri ta' limitu kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ppubblikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara li għandhom jiġu prodotti skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE, flimkien ma' sommarju tal-informazzjoni stabbilita fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva.	
L-Istati Membri għandhom, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jinformaw lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) bil-valuri ta' limitu nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b). L-ECHA għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.";	

Or. it

Emenda 181
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt d
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fitterritorji tagħhom kull meta informazzjoni ġdida dwar sustanzi niġġiesa, gruppi ta' sustanzi niġġiesa, jew indikaturi tat-tniġġis tindika li jeħtieġ li jiġi stabbilit valur ta' limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta' limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta'	***imħassar***

limitu li preċedentement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa' jiddaħħal. Jekk il-valuri ta' limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri. ;

Or. it

Emenda 182
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 –punt d
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom kull meta informazzjoni ġdida dwar sustanzi niġġiesa, gruppi ta' sustanzi niġġiesa, jew indikaturi tat-tniġġis tindika li jeħtieġ li jiġi stabbilit valur ta' limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta' limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta' limitu li preċedentement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa' jiddaħħal. Jekk il-valuri ta' limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri. ***;***	L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom kull meta informazzjoni ġdida dwar sustanzi niġġiesa, gruppi ta' sustanzi niġġiesa, jew indikaturi tat-tniġġis, ***filwaqt li jitqies ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni,*** tindika li jeħtieġ li jiġi stabbilit valur ta' limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta' limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta' limitu li preċedentement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa' jiddaħħal. Jekk il-valuri ta' limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri.

Or. cs

Emenda 183
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena, Tiemo Wölken

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4a. Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Istati Membri skond il-paragrafu 5, il-Kummissjoni għanda tippubblika rapport ***sa mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2009***.	Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ***dwar il-valuri ta' limitu nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, punt (b), sena wara li l-Istati Membri jipprovdu dik l-informazzjoni lill-ECHA f'konformità mal-paragrafu 5***.

Or. en

(32006L0118)

Ġustifikazzjoni

Id-data msemmija fit-test oriġinali tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2006/118/KE hija relatata mal-obbligu attwali għall-Istati Membri li jistabbilixxu valuri ta' limitu nazzjonali sat-22 ta' Diċembru 2008, f'konformità mal-Artikolu 3(5). Fit-test rivedut tal-Kummissjoni, l-Artikolu 3(5) jinbidel u l-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-ECHA dwar il-limiti nazzjonali, 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja.

Emenda 184
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-valuri għall-istandards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art elenkati fl-Anness I u l-valuri ta' limitu msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ma jinqabżu fl-ebda punt ta' monitoraġġ f'dak il-korp jew grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art; jew;	***imħassar***

Or. it

Emenda 185
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. fl-Artikolu 6, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġu s-siti vulnerabbli, bħal siti Natura 2000 dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art, mit-tniġġis jew mid-drenaġġ."

Or. en

Emenda 186
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA, lista ta' sorveljanza tas-sustanzi li għalihom għandha tinġabar data ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni kollha mill-Istati Membri u sabiex tistabbilixxi l-formati li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għar-rapportar tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u ta' informazzjoni relatata lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta'	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA, lista ta' sorveljanza tas-sustanzi li għalihom għandha tinġabar data ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni kollha mill-Istati Membri u sabiex tistabbilixxi l-formati li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għar-rapportar tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u ta' informazzjoni relatata lill-Kummissjoni. ***Huma indikati tekniki u metodi analitiċi ugwali għall-Istati Membri kollha sabiex tiġi evitata l-formazzjoni ta' data li ma***

eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

tistax titqabbel. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

Or. it

Emenda 187
Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi ***jew piż burokratiku eċċessiv*** għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Or. de

Emenda 188
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi ***jew kapaċità amministrattiva*** għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Or. en

Emenda 189
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha ***massimu*** ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi ***u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza***. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom*** jintgħażlu minn	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha ***mill-inqas*** ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi magħżula minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ mhijiex biżżejjed, ***u għandha tispeċifika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi***

fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	***possibbli ta' analiżi għal kull sustanza***. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti***. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti. ***L-ewwel lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha s-sulfati***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi stabbilit minimu għall-għadd ta' sustanzi fuq il-lista ta' sorveljanza minflok massimu. Is-sulfati huma sustanza niġġiesa komuni fl-ilma mormi tal-industriji kimika, tal-estrazzjoni, tal-metall u tal-polpa. Is-sulfati huma elenkati fost is-sustanzi niġġiesa ewlenin fl-Anness II, il-Parti B. Dan għandhom jitqiegħdu fuq il-lista ta' sorveljanza biex ikun hemm biżżejjed data ta' monitoraġġ.

Emenda 190
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha ***massimu ta' ħames*** sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti***. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti***. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Or. en

Emenda 191
Ulrike Müller

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza. ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk l-inklużjoni tal-metaboliti tal-pestiċidi mhux rilevanti (NrMs) fil-lista ta' sorveljanza hijiex meħtieġa biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-data dwar il-preżenza tagħhom fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***

Or. en

(Din l-emenda tikkorrispondi għal emenda għad-Direttiva 2008/105/KE Anness I – tabella – ringiela 7.)

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva (UE) 2020/2184 dwar l-Ilma tax-Xorb ma tistabbilixxix valur ta' limitu għall-metaboliti tal-pestiċidi mhux rilevanti (NRMs). Peress li l-istandards tal-kwalità għall-ilma tax-xorb għandu jkollhom l-ogħla livell relattivament fir-rigward ta' standards oħra tal-kwalità tal-ilma, mhuwiex evidenti għaliex għandhom japplikaw standards aktar stretti għal tipi oħra ta' ilma. Minflok, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li żżid l-NrMs fil-listi ta' sorveljanza li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 2(6) u l-Artikolu 3(7) tal-proposta.

Emenda 192
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, ***dawk is-sustanzi*** għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	***Għandhom jiġu*** identifikati ***malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja***metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula***. Hekk kif jiġu identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa, il-mikroplastiks u l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula*** għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.

Or. en

Emenda 193
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa***, wara diskussjonijiet pubbliċi u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti,*** għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.

Or. en

Emenda 194
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6(a) – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza ***mingħajr dewmien żejjed***.

Or. cs

Emenda 195
Karol Karski

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:	L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis ***l-evidenza ewlenija tal-għarfien xjentifiku u*** l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Metodi ta' monitoraġġ li mhumiex ibbażati fuq xjenza soda potenzjalment jirriżultaw f'data qarrieqa li tista' toħloq tħassib pubbliku mhux meħtieġ, bħala tali l-istabbiliment ta' x'jikkostitwixxi "metodi xierqa ta' monitoraġġ" għandu jsir abbażi ta' evidenza ewlenija ta' għarfien xjentifiku, u filwaqt li jitqies is-sinifikat tal-impatti ambjentali u fuq is-saħħa pubblika.

Emenda 196
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:	L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis ***l-għarfien xjentifiku ewlieni u*** l-informazzjoni li ġejja:

Or. it

Emenda 197
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:	L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi ***u l-indikaturi*** għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 198
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:	L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi ***u l-indikaturi*** għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi żgurat li s-sejbiet dwar il-protezzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi, b'mod partikolari l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom, jiġu inkorporati fl-aġġornament tal-ġestjoni tal-ilma ta' taħt l-art u r-regolamenti rilevanti. Il-kontaminanti materjali u termali jaffettwaw il-komunitajiet bijotiċi fl-ilma ta' taħt l-art u s-servizzi tal-ekosistema tagħhom biex l-ilma ta' taħt l-art jinżamm nadif bħala riżorsa importanti tal-ilma tax-xorb.

Emenda 199
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) informazzjoni dwar il-volumi tal-produzzjoni, ix-xejriet tal-użu, il-proprjetajiet intrinsiċi (inkluża l-mobilità fil-ħamrija u, fejn rilevanti, id-daqs tal-partikoli), il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent u l-effetti negattivi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent akkwatiku ta' sustanza partikolari jew grupp ta' sustanzi, inkluża informazzjoni miġbura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****, mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****, mar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******, mad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******* u mad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill********;	(e) informazzjoni dwar il-volumi tal-produzzjoni, ix-xejriet tal-użu, il-proprjetajiet intrinsiċi (inkluża l-mobilità fil-ħamrija u, fejn rilevanti, id-daqs tal-partikoli), il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent u l-effetti negattivi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent akkwatiku ta' sustanza partikolari jew grupp ta' sustanzi, inkluża informazzjoni miġbura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****, mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****, mar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******, mad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******* u mad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******** ***inkluża l-gwida miġbura mill-applikazzjoni, bħal-Linja Gwida tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini dwar il-valutazzjoni tar-riskji ambjentali u tas-saħħa tal-prodotti mediċinali veterinarji fuq l-ilma ta' taħt l-art (EMA/CVMP/ERA/103555/2015 tat-***

30 ta' April 2018);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi żgurat li s-sejbiet dwar il-protezzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi, b'mod partikolari l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom, jiġu inkorporati fl-aġġornament tal-ġestjoni tal-ilma ta' taħt l-art u r-regolamenti rilevanti. Il-kontaminanti materjali u termali jaffettwaw il-komunitajiet bijotiċi fl-ilma ta' taħt l-art u s-servizzi tal-ekosistema tagħhom biex l-ilma ta' taħt l-art jinżamm nadif bħala riżorsa importanti tal-ilma tax-xorb.

Emenda 200
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq ***l-immudellar*** jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn ***u data u*** informazzjoni ***minn*** teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;	(f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar ***l-impatt ta' kontaminanti materjali u termali kif ukoll l-impatti tal-minjieri fuq l-art u ta' taħt l-art, il-barrieri u l-mini fuq l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u l-ekosistemi dipendenti mill-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom, dwar*** it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn***, kif ukoll*** informazzjoni ***miġbura permezz ta'*** teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-Dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet ***miftuħa*** mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi żgurat li s-sejbiet dwar il-protezzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi, b'mod partikolari l-

ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom, jiġu inkorporati fl-aġġornament tal-ġestjoni tal-ilma ta' taħt l-art u r-regolamenti rilevanti. Il-kontaminanti materjali u termali jaffettwaw il-komunitajiet bijotiċi fl-ilma ta' taħt l-art u s-servizzi tal-ekosistema tagħhom għaż-żamma nadifa tal-ilma ta' taħt l-art u għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-impatti tal-minjieri, tal-barrieri u tal-mini ta' taħt l-art u ta' fuq l-art.

Emenda 201
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn u data u informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;	(f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni ***dwar l-impatt tal-kontaminanti materjali u termali fuq l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u l-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom,*** dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn u data u informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi żgurat li s-sejbiet dwar il-protezzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi, b'mod partikolari l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom, jiġu inkorporati fl-aġġornament tal-ġestjoni tal-ilma ta' taħt l-art u r-regolamenti rilevanti. Il-kontaminanti materjali u termali jaffettwaw il-komunitajiet bijotiċi fl-ilma ta' taħt l-art u s-servizzi tal-ekosistema tagħhom biex l-ilma ta' taħt l-art jinżamm nadif bħala riżorsa importanti tal-ilma tax-xorb.

Emenda 202

Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel lista ta' sorveljanza għandha tiġi stabbilita sa .. [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-lista ta' sorveljanza għandha tiġi aġġornata kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem.	L-ewwel lista ta' sorveljanza għandha tiġi stabbilita sa .. [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-lista ta' sorveljanza għandha tiġi aġġornata kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem ***jew hekk kif jiġu identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għall-ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula***.

Or. en

Emenda 203
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ***jimmonitorjaw*** kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien 6 xhur mill-istabbiliment tal-lista ta' sorveljanza.	L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu mekkaniżmi għall-monitoraġġ ta'*** kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien 6 xhur mill-istabbiliment tal-lista ta' sorveljanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tat-test li tippermetti l-possibbiltà li l-monitoraġġ jiġi delegat lil faċilità Ewropea ċentralizzata ta' monitoraġġ.

Emenda 204
Karol Karski

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jimmonitorjaw kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ ***għandu*** jibda fi żmien ***6*** xhur mill-istabbiliment tal-lista ta' sorveljanza.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jimmonitorjaw kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ ***jista'*** jibda fi żmien ***disa'*** xhur mill-istabbiliment tal-lista ta' sorveljanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jimmonitorjaw sustanzi ġodda jew grupp ta' sustanzi inklużi fil-lista ta' sorveljanza - dan l-obbligu għandu jibqa' indikattiv.

Emenda 205
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas stazzjon ta' monitoraġġ ***wieħed***, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għall-erja totali tiegħu f'km2 ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art diviża b'***60 000*** (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ).	Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas ***żewġ stazzjonijiet*** ta' monitoraġġ, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għall-erja totali tiegħu f'km^2 ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art diviża ***b'10 000*** (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħala minimu, kull Stat Membru għandu jkollu żewġ stazzjonijiet ta' monitoraġġ għal-lista ta' sorveljanza tal-ilma ta' taħt l-art. Fir-rigward ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ addizzjonali, l-applikazzjoni ta' diviżur ta' 60 000 tfisser li kull Stat Membru li huwa iżgħar minn 30 000 km² ma jkollu l-ebda stazzjon ta' monitoraġġ addizzjonali (jiġifieri erba' Stati Membri). 11-il Stat Membru ieħor ikollhom biss stazzjon addizzjonali wieħed. Il-Ġermanja jkollha biss sitt stazzjonijiet addizzjonali, u Franza bħala l-akbar Stat Membru jkollha biss 11-il stazzjon ieħor. Dan mhuwiex biżżejjed biex jipprovdi sitwazzjoni rappreżentattiva tat-tniġġis. Għandu jkun hemm stazzjon ta' monitoraġġ addizzjonali għal kull 10 000 km².

Emenda 206
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jevalwaw kull sentejn l-impatt fuq il-kwalità tal-ilma tal-iżvilupp ekonomiku tal-industriji relatati mat-tranżizzjoni enerġetika, bħas-settur tal-estrazzjoni, u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar theddid li għadu kemm ġie identifikat biex tiġi aġġornata l-lista ta' sorveljanza skont dan. L-evalwazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konformità tal-UE mal-objettivi tagħha tan-newtralità karbonika ma tridx tinkiseb għad-detriment ta' impatti ekoloġiċi kbar u mhux kwantifikati fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità tagħna. L-Istati Membri jeħtiġilhom jsegwu pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jivvalutaw aħjar it-theddid ikkawżat minn ċerti setturi emerġenti.

Emenda 207
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Jiddaħħal l-Artikolu 6aa li ġej:
	"Artikolu 6aa
	L-astrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art għall-użu termali
	L-ilma ta' taħt l-art jista' jiġi estratt għall-użu termali biss jekk ma jaffettwax b'mod negattiv ekosistema eżistenti tal-ilma ta' taħt l-art bħala riżultat tal-astrazzjoni u wara l-injezzjoni mill-ġdid. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu wkoll il-miżuri kollha meħtieġa biex progressivament jimminimizzaw l-inputs antropoġeniċi ta' sħana, kesħa jew ilma tal-wiċċ kontaminat fl-ilma ta' taħt l-art sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u ta' ekosistemi akkwatiċi u terrestri oħra fejn dawn l-ekosistemi, il-bijodiversità tagħhom u l-użi tagħhom jiddependu mill-korp ta' ilma ta' taħt l-art ikkonċernat. Il-miżuri meħtieġa għal dan il-għan għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' miżuri skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE. Il-Kummissjoni Ewropea għandha, mhux aktar tard minn [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] tivvaluta l-impatti termali fuq l-ilma ta' taħt l-art biex tiżgura l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll ta' ekosistemi akkwatiċi oħra li jiddependu mill-korp ta' ilma ta' taħt l-art ikkonċernat, li għandha tkun akkumpanjata, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom għadhom mhumiex protetti b'mod effettiv mid-direttiva attwali. Mill-aħħar emenda tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, ir-

riċerka wriet li t-tniġġis termali jaffettwa wkoll l-ekosistemi u li hija meħtieġa azzjoni biex tiġi ppreżervata l-funzjoni ta' awtopurifikazzjoni tal-ilmijiet ta' taħt l-art, anke biex tinżamm il-purità ta' riżorsa tal-ilma tax-xorb li hija importanti għall-użu bħala ilma tax-xorb. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dawn l-effetti u tressaq proposta leġiżlattiva, jekk ikun xieraq.

Emenda 208
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Jiddaħħal l-Artikolu segwenti:
	"Artikolu 6aa
	L-ilma ta' taħt l-art jista' jiġi estratt għall-użu termali biss jekk ma jaffettwax b'mod negattiv ekosistema eżistenti tal-ilma ta' taħt l-art bħala riżultat tal-astrazzjoni u wara l-injezzjoni mill-ġdid. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex progressivament jimminimizzaw l-inputs antropoġeniċi ta' sħana, kesħa jew ilma tal-wiċċ kontaminat fl-ilma ta' taħt l-art sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u ta' ekosistemi akkwatiċi u terrestri oħra fejn dawn l-ekosistemi, il-bijodiversità tagħhom u l-użi tagħhom jiddependu mill-korp ta' ilma ta' taħt l-art ikkonċernat. Il-miżuri meħtieġa għal dan il-għan għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' miżuri skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE. Il-Kummissjoni Ewropea għandha, mhux aktar tard minn [l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] tissottometti kriterji lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tittejjeb il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi, b'mod partikolari l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art, u l-bijodiversità tagħhom għadhom mhumiex protetti b'mod effettiv mir-regolamenti attwali. Mill-aħħar emenda tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, ir-riċerka wriet li t-tniġġis termali jaffettwa wkoll l-ekosistemi u li hija meħtieġa azzjoni biex tiġi ppreżervata l-funzjoni ta' awtopurifikazzjoni tal-ilmijiet ta' taħt l-art u b'hekk tinżamm ukoll il-purità ta' riżorsa tal-ilma tax-xorb li hija importanti għas-soċjetà.

Emenda 209
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Jiddaħħal l-Artikolu 6aa li ġej:
	Artikolu 6aa
	Faċilità Ewropea ta' Monitoraġġ
	Il-Kummissjoni Ewropea għandha taħtar faċilità Ewropea unika ta' monitoraġġ li tkun kapaċi twettaq ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ meħtieġa meta l-Istati Membri jitolbu dan, u b'hekk jitnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv tagħhom. L-użu ta' tali faċilità għandu jkun volontarju u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti diġà stabbiliti mill-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex l-Istati Membri b'kapaċità amministrattiva u finanzjarja limitata jkunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ, għandha titfassal faċilità unika ta' monitoraġġ b'aċċess volontarju.

Emenda 210
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem***, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll*** il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II. ***Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tidentifika l-livell xieraq, proporzjonat u kosteffettiv u l-kombinazzjoni ta' kontrolli tal-prodotti u tal-proċessi kemm għal sorsi lokalizzati kif ukoll għal sorsi diffużi. Is-sustanzi għandhom ukoll jingħataw prijorità għal azzjoni abbażi tar-riskju identifikat minn proċedura simplifikata ta' evalwazzjoni bbażata fuq prinċipji xjentifiċi.***

Or. it

Emenda 211
Karol Karski
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa ***stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-***	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tittrasferixxi lill-Kummissjoni s-setgħa li tbiddel il-listi tas-sustanzi niġġiesa talwiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art. Dan ibiddel il-proċess drastikament minn proċedura ta' kodeċiżjoni bl-involviment tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal att delegat li jagħti setgħa addizzjonali lill-Kummissjoni u setgħa ta' veto biss lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Iż-żamma tal-proċedura ta' kodeċiżjoni tiżgura proċedura aktar trasparenti u demokratika.

Emenda 212
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE biex*** tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 213
Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Kummissjoni għandha ***tirrieżamina***, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.	(1) Il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta proposta lill-Parlament u lill-Kunsill tal-EU biex jirrieżaminaw***, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

Or. de

Emenda 214
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***6*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***6*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***erba'*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***erba'*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba r-rilevanza għolja tal-ilma nadif kemm għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali kif ukoll għall-ekosistemi, mhuwiex biżżejjed li tiġi rieżaminata l-lista ta' sustanzi niġġiesa u l-istandards ta' kwalità kull sitt snin biss. Fid-direttiva qafas oriġinali dwar l-ilma, kien previst rieżami kull erba' snin. Din il-frekwenza għandha terġa' tiġi applikata.

Emenda 215
Michal Wiezik

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***6*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***6*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***erba'*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***erba'*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

Or. en

Emenda 216
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***6*** snin wara	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***erba'*** snin

d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***6*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.	wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***erba'*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

Or. en

Emenda 217
Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a, sabiex temenda l-Anness I sabiex dan jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu jew jitneħħew is-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness u sabiex temenda l-Parti B sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu sustanzi niġġiesa jew indikaturi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali.	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' bidliet sostanzjali, minħabba raġunijiet ta' trasparenza u parteċipazzjoni demokratika, għandhom jiġu segwiti l-proċeduri leġiżlattivi tas-soltu.

Emenda 218

Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a, sabiex temenda l-Anness I biex dan jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu jew jitneħħew is-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness u sabiex temenda l-Parti B biex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu s-sustanzi niġġiesa jew l-indikaturi li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali għalihom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 219
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a, sabiex ***temenda l-Anness I sabiex dan jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu jew***	2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a, sabiex temenda l-Parti B sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu sustanzi

jitneħħew is-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness u sabiex temenda l-Parti B sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu sustanzi niġġiesa jew indikaturi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali.

niġġiesa jew indikaturi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali.

Or. it

Emenda 220
Karol Karski

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a***, sabiex temenda l-Anness I sabiex dan jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu jew jitneħħew is-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness u*** sabiex temenda l-Parti B sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu sustanzi niġġiesa jew indikaturi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali.	2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a, sabiex temenda l-Parti B sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu sustanzi niġġiesa jew indikaturi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tittrasferixxi lill-Kummissjoni s-setgħa li tbiddel il-listi tas-sustanzi niġġiesa tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art. Dan ibiddel il-proċess drastikament minn proċedura ta' kodeċiżjoni bl-involviment tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal att delegat li jagħti setgħa addizzjonali lill-Kummissjoni u setgħa ta' veto biss lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Iż-żamma tal-proċedura ta' kodeċiżjoni tiżgura proċedura aktar trasparenti u demokratika.

Emenda 221
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sat-12 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida tekniċi rigward il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ ta' sustanzi perifluworoalkiliċi u polifluworoalkiliċi taħt il-parametru "PFAS Totali". Sat-12 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I biex tistabbilixxi standard ta' kwalità għall-"PFAS Totali".

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PFAS jinkludu total ta' 10 000 sustanza. Mhuwiex tajjeb biżżejjed li jiġu inklużi biss 24 minnhom bħala sustanzi prijoritarji. Id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb diġà tinkludi standard ta' kwalità għall-PFAS Totali. Skont l-Artikolu 13(7) ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni hija obbligata tistabbilixxi metodi ta' analiżi għall-PFAS Totali sat-12 ta' Jannar 2024. Bħala tali, huwa raġonevoli li l-Kummissjoni tingħata sena oħra biex tistabbilixxi tali metodi anke għall-ilma ta' taħt l-art. U ladarba dak il-metodu jiġi stabbilit, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I biex tistabbilixxi l-istandard ta' kwalità attwali fi żmien sena oħra.

Emenda 222
Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-	***imħassar***

Artikolu 8a, sabiex temenda l-Parti D tal-Anness II sabiex tadattaha għall-progress tekniku u xjentifiku billi żżid jew temenda l-valuri ta' limitu armonizzati għal sustanza niġġiesa waħda jew aktar elenkati fil-Parti B ta' dak l-Anness.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' bidliet sostanzjali, minħabba raġunijiet ta' trasparenza u parteċipazzjoni demokratika, għandhom jiġu segwiti l-proċeduri leġiżlattivi tas-soltu.

Emenda 223
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-	***imħassar***
Artikolu 8a, sabiex temenda l-Parti D tal-Anness II sabiex tadattaha għall-progress tekniku u xjentifiku billi żżid jew temenda l-valuri ta' limitu armonizzati għal sustanza niġġiesa waħda jew aktar elenkati fil-Parti B ta' dak l-Anness.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 224
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tadotta atti delegati kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 225
Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Meta tadotta atti delegati kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' bidliet sostanzjali, minħabba raġunijiet ta' trasparenza u parteċipazzjoni demokratika, għandhom jiġu segwiti l-proċeduri leġiżlattivi tas-soltu.

Emenda 226
Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a sabiex temenda l-Partijiet A u C tal-Anness II u tal-Annessi III u IV sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.	***Imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' bidliet sostanzjali, minħabba raġunijiet ta' trasparenza u parteċipazzjoni demokratika, għandhom jiġu segwiti l-proċeduri leġiżlattivi tas-soltu.

Emenda 227
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a sabiex temenda l-Partijiet A u C tal-Anness II u tal-Annessi III u IV sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 228

Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) kummenti u feedback mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u korpi rilevanti oħra;

Or. en

Emenda 229
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) meta jiġu stabbiliti l-EQS għall-bijodisponibbiltà tal-metalli, sabiex titqies il-varjabbiltà fil-kimiċi tal-ilma;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bijodisponibbiltà tal-metall għall-valutazzjoni tar-riskju ekoloġiku hija kbira, b'varjabbiltà notevoli f'firxa ta' kimiċi tal-ilma fl-ilmijiet tal-wiċċ.

Emenda 230
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

6a. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi gwida teknika dwar il-metodi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-impatti termali u bijoloġiċi fuq l-ilma ta' taħt l-art biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll ta' ekosistemi akkwatiċi oħra li jiddependu mill-korp ta' ilma ta' taħt l-art ikkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu protetti l-ekosistemi akkwatiċi, speċjalment l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom, huma meħtieġa approċċi konsistenti għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni.

Emenda 231
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-ECHA għandha, kull ***6*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***5*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	7. L-ECHA għandha, kull ***erba'*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***tliet*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-frekwenza tar-rapport tal-ECHA jeħtieġ li tiġi allinjata mal-bidla fil-frekwenza tar-rieżami tal-Kummissjoni kif issuġġerit mill-istess awtur.

Emenda 232

Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-ECHA għandha, kull ***6*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	7. L-ECHA għandha, kull ***ħames*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 233
Michal Wiezik

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-ECHA għandha, kull ***6*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	7. L-ECHA għandha, kull ***ħames*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 234
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(1) ***u (2)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(1)***,*** (2) ***u (2a)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jiżdied l-għoti tas-setgħa fir-rigward tal-istabbiliment ta' standard ta' kwalità għall-PFAS totali kif propost mill-istess awtur.

Emenda 235
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat ***li fih, bħala rappreżentanti tal-Istati Membri, l-esperti għandhom ikunu involuti wkoll fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni tax-xogħlijiet ta' regolamentazzjoni tad-difiża u idrawlika, il-provvista u l-użu tal-ilma prinċipalment għall-irrigazzjoni, l-intervent tal-ħarsien tal-ambjent***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Or. it

Emenda 236
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Jiddaħħal Artikolu 10a ġdid:
	"Article10
	Sustanzi u limiti speċifiċi applikabbli għall-għerien u ż-żoni karstiċi
	Qabel... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva], il-Kummissjoni għandha tipproponi reviżjoni tad-direttiva biex tinkludi anness ġdid, li jkopri l-istatus kimiku tal-għerien u ż-żoni karstiċi b'lista speċifika ta' sustanzi u limiti minimi."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għerien u ż-żoni karstiċi ma jibbenefikawx minn livell suffiċjenti ta' protezzjoni legali, minkejja l-fraġilità u l-importanza tal-ekosistema tagħhom. Il-limitazzjoni tal-preżenza ta' sustanzi tossiċi fl-ilma li jinsab fl-għerien u ż-żoni karstiċi hija mod effiċjenti biex jiġu protetti dawn l-ekosistemi. Minħabba l-ispeċifiċitajiet u l-fraġilità tagħhom, għandu jiġi introdott anness speċifiku biex ikopri l-protezzjoni tagħhom.

Emenda 237
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva 2006/118/KE
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) l-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' din id-Direttiva;	***imħassar***

Or. it

Emenda 238
Michal Wiezik

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva 2006/118/KE
Anness IV – parti B – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex ireġġgħu lura tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti se jkun meta l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tilħaq 75 % tal-valuri parametriċi tal-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Anness I u tal-valuri ta' limitu msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ħlief jekk:	il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex ireġġgħu lura tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti***, li jinkludu xejra staġjonali 'l fuq ikkawżata fost l-oħrajn minn skariku baxx ta' korp tal-ilma,*** se jkun meta l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tilħaq 75 % tal-valuri parametriċi tal-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Anness I u tal-valuri ta' limitu msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ħlief jekk:

Or. en

Emenda 239
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva 2006/118/KE
Anness IV – parti B – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex ireġġgħu lura tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti se jkun meta l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tilħaq 75 % tal-valuri parametriċi tal-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Anness I u tal-valuri ta' limitu msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ħlief jekk:	il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex ireġġgħu lura tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti***, li jinkludu xejriet staġjonali 'l fuq,*** se jkun meta l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tilħaq 75 % tal-valuri parametriċi tal-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Anness I u tal-valuri ta' limitu msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ħlief

jekk:

Or. en

Emenda 240
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2008/105/KE
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. cs

Emenda 241
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena, Tiemo Wölken

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:
Bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ u ***skond*** id-dispożizzjonijiet u l-objettivi tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, din id-Direttiva tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għal	Bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ u ***skont*** id-dispożizzjonijiet u l-objettivi tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, din id-Direttiva tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għal

sustanzi prijoritarji u ***ċerti kontaminanti oħrajn kif previst fl-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva***.	sustanzi prijoritarji u ***sustanzi perikolużi prijoritarji***.

Or. en

(32008L0105)

Ġustifikazzjoni

It-test eżistenti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/105/KE huwa aġġustat biex jikkorrispondi għat-tħassir tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE.

Emenda 242
Alexandr Vondra

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1a – subparagrafu 1 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) is-sustanzi numerati 5, 9, 13, 15, 17, 21, 23, 24, 28, 30, 34, 37, 41, 44 fil-Parti A tal-Anness I, li għalihom jiġu stabbiliti EQS riveduti, u s-sustanzi identifikati ġodda numerati 46 sa 70 fil-Parti A tal-Anness I, b'effett ***minn … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***, bl-għan li jiġi evitat id-deterjorament fl-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u li jinkiseb stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ b'rabta ma' dawk is-sustanzi.	(iii) is-sustanzi numerati 5, 9, 13, 15, 17, 21, 23, 24, 28, 30, 34, 37, 41, 44 fil-Parti A tal-Anness I, li għalihom jiġu stabbiliti EQS riveduti, u s-sustanzi identifikati ġodda numerati 46 sa 70 fil-Parti A tal-Anness I, b'effett ***mit-22 ta' Diċembru 2027***, bl-għan li jiġi evitat id-deterjorament fl-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u li jinkiseb stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ b'rabta ma' dawk is-sustanzi ***sat-22 ta' Diċembru 2039***.

Or. en

Emenda 243
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1a – subparagrafu 1 - punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) is-sustanzi numerati 5, 9, 13, 15, 17, 21, 23, 24, 28, 30, 34, 37, 41, 44 ***filParti*** A tal-Anness I, li għalihom jiġu stabbiliti EQS riveduti, u s-sustanzi identifikati ġodda numerati 46 sa 70 fil-Parti A tal-Anness I, b'effett minn ***… [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***, bl-għan li jiġi evitat id-deterjorament fl-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u li jinkiseb stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ b'rabta ma' dawk is-sustanzi.	(iii) is-sustanzi numerati 5, 9, 13, 15, 17, 21, 23, 24, 28, 30, 34, 37, 41, 44 ***fil-Parti*** A tal-Anness I, li għalihom jiġu stabbiliti EQS riveduti, u s-sustanzi identifikati ġodda numerati 46 sa 70 fil-Parti A tal-Anness I, b'effett minn ***36 xahar wara li jkunu nħarġu l-linji gwida dwar il-metodi analitiċi ta' referenza***, bl-għan li jiġi evitat id-deterjorament fl-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u li jinkiseb stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ b'rabta ma' dawk is-sustanzi.

Or. it

Emenda 244
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikoli 5 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE, u ta' data oħra disponibbli, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarju, li jinkludi mapep, jekk disponibbli, tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf tas-sustanzi prijoritarji kollha elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva u għas-sustanzi niġġiesa kollha elenkati fil-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva għal kull distrett ta' baċin ta' xmara jew parti minn distrett ta' baċin ta' xmara li jkun fit-territorju tagħhom, inklużi l-konċentrazzjonijiet tagħhom ta' sediment u bijota, kif xieraq.	Abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikoli 5 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE, u ta' data oħra disponibbli, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarju, li jinkludi mapep, jekk disponibbli, tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf tas-sustanzi prijoritarji kollha elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva u għas-sustanzi niġġiesa kollha elenkati fil-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva għal kull distrett ta' baċin ta' xmara jew parti minn distrett ta' baċin ta' xmara li jkun fit-territorju tagħhom, inklużi l-konċentrazzjonijiet tagħhom ta' sediment u bijota, kif xieraq. ***L-inventarji tal-emissjonijiet għandhom ikunu disponibbli***

f'bażi tad-data diġitali għall-operaturi tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi affettwati direttament jew indirettament minn dawn l-emissjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jsir inventarju obbligatorju tal-emissjonijiet fil-livell tal-baċini idrografiċi sabiex tinkiseb il-kawża tal-emissjonijiet (u b'hekk ta' min iniġġes).

Emenda 245
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf irrapportati lill-Kummissjoni b'mod elettroniku f'konformità mar-Regolament (UE) .../… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65]. ;	***imħassar***

[65] +OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157++ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157+++ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157

Or. en

Ġustifikazzjoni

Waħda mir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' konformità hija n-nuqqas ta' koerenza bejn il-leġiżlazzjoni dwar l-ilma u l-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll f'ras il-għajn. Għalhekk, l-emissjonijiet mill-installazzjonijiet industrijali jeħtieġ li jinżammu fl-inventarju tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ilma sabiex tinżamm stampa sħiħa.

Emenda 246
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
2008/105/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf irrapportati lill-Kummissjoni b'mod elettroniku f'konformità mar-Regolament (UE) .../… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65]. ;	***imħassar***
[65] +OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157++ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157+++ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' aktar koerenza bejn il-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll fis-sors u l-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, u mhux inqas. It-tneħħija tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali mill-inventarji tal-RBMP tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf se teskludi sehem kbir ta' sorsi importanti ta' emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija mill-ippjanar tal-ġestjoni tal-ilma.

Emenda 247
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf irrapportati lill-Kummissjoni b'mod elettroniku f'konformità mar-Regolament (UE) .../… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65]. ;	***imħassar***

[65] +OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157++ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157+++ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' aktar koerenza bejn il-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll fis-sors u l-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, u mhux inqas. It-tneħħija tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali mill-inventarji tal-RBMP tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf se teskludi sehem kbir ta' sorsi importanti ta' emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija mill-ippjanar tal-ġestjoni tal-ilma.

Emenda 248
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
DIRETTIVA 2008/105/KE
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-inventarji tagħhom bħala parti mir-rieżamijiet tal-analiżijiet speċifikati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE u għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet ***mhux*** irrapportati lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../…++, jiġu ppubblikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara tagħhom kif aġġornati f'konformità mal-Artikolu 13(7) ta' dik id-Direttiva.	L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-inventarji tagħhom bħala parti mir-rieżamijiet tal-analiżijiet speċifikati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE u għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet***, inklużi dawk*** irrapportati lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../…++, jiġu ppubblikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara tagħhom kif aġġornati f'konformità mal-Artikolu 13(7) ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

ir-Regolament dwar il-Portal huwa strument ta' rapportar u l-informazzjoni mogħtija mill-Portal lill-RBMP mhijiex regolamentazzjoni doppja, iżda sempliċement qed tuża d-data rrapportata biex ikollha RBMP infurmat sew, dwar il-pressjonijiet kollha. Mhuwiex mifhum għaliex id-data rrapportata tal-iskariki minn ċertu limitu għandha tiġi eskluża mill-RBMP.

Emenda 249
Marina Mesure, Anja Hazekamp

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
2008/105/KE
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għas-sustanzi prijoritarji jew is-sustanzi niġġiesa koperti mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-entrati jistgħu jiġu kkalkolati bħala l-medja tat-3 snin qabel it-tlestija tal-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din is-sistema separata proposta għas-sustanzi prijoritarji jew is-sustanzi niġġiesa koperti mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ma jirnexxiliex taqbad ir-riskji tal-pestiċidi. Ir-referenza ta' sena qabel is-sena li fiha l-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi estiża għas-sustanzi prijoritarji kollha bħala minimu. Il-prattiki ta' monitoraġġ għandhom jittejbu biex jinqabdu l-eqqel avvenimenti (li jseħħu pereżempju wara xita qawwija) u biex tiġi riflessa b'mod xieraq il-konċentrazzjoni li tinħass mill-ħajja akkwatika.

Emenda 250
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għas-sustanzi prijoritarji jew is-sustanzi niġġiesa koperti mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-entrati jistgħu jiġu kkalkolati bħala l-medja tat-3 snin qabel it-tlestija tal-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din is-sistema separata proposta għas-sustanzi prijoritarji jew is-sustanzi niġġiesa koperti mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ma jirnexxiliex taqbad ir-riskji tal-pestiċidi. Ir-referenza ta' sena qabel is-sena li fiha l-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi estiża għas-sustanzi prijoritarji kollha bħala minimu. Il-prattiki ta' monitoraġġ għandhom jittejbu biex jinqabdu l-eqqel avvenimenti (li jseħħu pereżempju wara xita qawwija) u biex tiġi riflessa b'mod xieraq il-konċentrazzjoni li tinħass mill-ħajja akkwatika.

Emenda 251
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għas-sustanzi prijoritarji jew is-sustanzi niġġiesa koperti mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-entrati jistgħu jiġu kkalkolati bħala l-medja tat-3 snin qabel it-tlestija tal-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza ta' sena qabel is-sena li fiha l-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi estiża għas-sustanzi prijoritarji kollha. Il-prattiki ta' monitoraġġ għandhom jittejbu biex jinqabdu l-eqqel avvenimenti (li jseħħu pereżempju wara xita qawwija) u biex jiġu riflessi b'mod xieraq it-tagħbijiet reali fl-ambjent akkwatiku.

Emenda 252
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***fl-Artikolu 7a(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li*** ġej***: "1***.	(4) ***L-Artikolu 7a huwa emendat kif*** ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħtieġa li tiġi emendata l-introduzzjoni ta' dan il-punt bħala konsegwenza tal-emenda li tipproponi li tissostitwixxi wkoll it-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Emenda 253
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 7a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal sustanzi prijoritarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** jew tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni għandha, ***bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 18(1)*** tad-Direttiva 2000/60/KE, tivvaluta jekk il-miżuri fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri humiex biżżejjed sabiex jintlaħqu l-EQS għas-sustanzi prijoritarji u	1. Għal sustanzi prijoritarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** jew tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni għandha, ***fi żmien sitt xhur wara li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tkun għamlet disponibbli l-aħħar data ta' monitoraġġ annwali skont l-Artikolu 8(5)*** tad-Direttiva 2000/60/KE, tivvaluta jekk il-miżuri fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni u tal-

l-objettiv ta' waqfien jew ta' eliminazzjoni gradwali għall-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikoluży f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.	Istati Membri humiex biżżejjed sabiex jintlaħqu l-EQS għas-sustanzi prijoritarji u l-objettiv ta' waqfien jew ta' eliminazzjoni gradwali għall-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikoluży f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni pproponiet li fil-futur l-Istati Membri għandhom jipprovdu data ta' monitoraġġ fuq bażi annwali (l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma). Dan huwa milqugħ tajjeb. Huwa loġiku li dan għandu jwassal għal valutazzjoni annwali mill-Kummissjoni dwar jekk il-miżuri fil-livell tal-Unjoni humiex biżżejjed biex jinkisbu l-EQS jew le. Mhux biżżejjed li dan isir kull sitt snin biss, kif inhu l-każ bħalissa. Il-forniment ta' data ta' monitoraġġ fuq bażi annwali għandu jwassal għal valutazzjoni u segwitu annwali mill-Kummissjoni.

Emenda 254
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 7a – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-ġerarkija tal-miżuri li għandhom jittieħdu għandha tagħti prijorità lir-restrizzjonijiet u miżuri oħra ta' kontroll f'ras il-għajn. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti biex temenda l-atti legali tal-UE biex tiżgura li r-rilaxxi, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji jiġu eliminati f'ras il-għajn.

Or. en

Emenda 255
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 7a – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4a. Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Meta r-riżultati tar-rapport juru li ***jistgħu*** jkunu neċessarji miżuri addizzjonali fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istat Membru sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mad-Direttiva 2000/60/KE rigward sustanza partikolari approvata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jew ir-Regolament (UE) Nr 528/2012, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom japplikaw kif adegwat l-Artikoli 21 jew 44 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jew l-Artikoli 15 jew 48 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012***, kif xieraq,*** għal dik is-sustanza, jew prodotti li fihom dik is-sustanza.	"3. Meta r-riżultati tar-rapport juru li jkunu neċessarji miżuri addizzjonali fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istat Membru sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mad-Direttiva 2000/60/KE rigward sustanza partikolari approvata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jew ir-Regolament (UE) Nr 528/2012, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom japplikaw kif adegwat l-Artikoli 21 jew 44 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jew l-Artikoli 15 jew 48 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għal dik is-sustanza, jew prodotti li fihom dik is-sustanza.
Fil-każ ta' sustanzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-Kummissjoni għandha tibda***, fejn xieraq, il-proċedura*** msemmija fl-Artikoli 59, 61 jew 69 ta' dak ir-Regolament.	Fil-każ ta' sustanzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-Kummissjoni għandha tibda ***l-proċedura*** msemmija fl-Artikoli 59, 61 jew 69 ta' dak ir-Regolament.
Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw kwalunkwe valutazzjonijiet ta' riskju u analiżi soċjoekonomika jew tar-relazzjoni bejn in-nefqa u l-benefiċċju meħtieġa taħt dawk ir-Regolamenti, inkluż fir-rigward tad-disponibbiltà ta' alternattivi.	Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw kwalunkwe valutazzjonijiet ta' riskju u analiżi soċjoekonomika jew tar-relazzjoni bejn in-nefqa u l-benefiċċju meħtieġa taħt dawk ir-Regolamenti, inkluż fir-rigward tad-disponibbiltà ta' alternattivi."

Or. en

(32008L0105)

Emenda 256
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 7a – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4a. Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***f'konformità mat-tabella stabbilita fl-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2000/60/KE*** u għandha takkumpanja r-rapport tagħha bi kwalunkwe proposti xierqa inkluż għal miżuri ta' kontroll.	2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-valutazzjoni annwali tagħha*** u għandha takkumpanja r-rapport tagħha bi kwalunkwe proposti xierqa inkluż għal miżuri ta' kontroll.

Or. en

(32008L0105)

Ġustifikazzjoni

Minħabba t-trażmissjoni tad-data ta' monitoraġġ mill-Istati Membri fuq bażi annwali, u l-valutazzjoni annwali tagħha fir-rigward tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sitt xhur minn dik il-valutazzjoni, biex tkun akkumpanjata minn proposti xierqa.

Emenda 257
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-

lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.	lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II. ***Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tidentifika l-livell xieraq, proporzjonat u kosteffettiv u l-kombinazzjoni ta' kontrolli tal-prodotti u tal-proċessi kemm għal sorsi lokalizzati kif ukoll għal sorsi diffużi. Is-sustanzi għandhom ukoll jingħataw prijorità għal azzjoni abbażi tar-riskju identifikat minn proċedura simplifikata ta' evalwazzjoni bbażata fuq prinċipji xjentifiċi.***
	Or. it

Emenda 258
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u ***mhux aktar tard minn*** kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-EQS korrispondenti għal dawk is-sustanzi stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I u l-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fil-Parti A tal-Anness II. ***F'każ li jkun hemm bidla sinifikanti fl-istat tal-għarfien xjentifiku bejn ir-rieżamijiet li jkun jeħtieġ li tiġi riveduta l-lista ta' dawn is-sustanzi, filwaqt li jitqies ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-EQS korrispondenti għal dawn is-sustanzi aktar qabel, u mingħajr***

dewmien żejjed.

Or. cs

Emenda 259
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE biex*** tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 260
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***6*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***6*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***erba'*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***erba'*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba r-rilevanza għolja tal-ilma nadif kemm għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali kif ukoll għall-ekosistemi, mhuwiex biżżejjed li tiġi rieżaminata l-lista ta' sustanzi niġġiesa u l-istandards ta' kwalità kull sitt snin biss. Fid-direttiva qafas oriġinali dwar l-ilma, kien previst rieżami kull erba' snin. Din il-frekwenza għandha terġa' tiġi applikata.

Emenda 261
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***6*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***6*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***erba'*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***erba'*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.

Or. en

Emenda 262
Michal Wiezik

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***6*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***6*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.	1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***erba'*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***erba'*** snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.

Or. en

Emenda 263
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-Artikolu 9a sabiex temenda l-Anness I sabiex tadattah għall-progress xjentifiku u teknoloġiku billi:* ***(a) iżżid jew tneħħi sustanzi mil-lista ta' sustanzi prijoritarji; ***(b) tiddeżinja jew tneħħi mid-deżinjazzjoni sustanzi magħżula bħala sustanzi***	***imħassar***

prijoritarji perikoluży u/jew bħala sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi li jinsabu kullimkien (uPBTs) u/jew bħala sustanzi li għandhom it-tendenza li jakkumulaw fis-sediment u/jew fil-bijota f'dik il-lista;

(c) tistabbilixxi EQS korrispondenti għall-ilma tal-wiċċ, għas-sediment jew għall-bijota, kif xieraq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 264
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-Artikolu 9a sabiex temenda l-Anness II sabiex tadattah għall-progress xjentifiku u teknoloġiku billi:	***imħassar***
(a) iżżid jew tneħħi sustanzi niġġiesa mil-lista ta' kategoriji ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fil-Parti A tal-Anness II;	
(b) taġġorna l-metodoloġija stabbilita fil-Parti B tal-Anness II;	
(c) telenka fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva dawk is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi li għalihom hija stabbiliet li l-EQS stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu	

applikati, fejn rilevanti, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata u bbażata fuq ix-xjenza tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, u billi telenka l-EQS korrispondenti għal dawk is-sustanzi niġġiesa fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 265
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sat-12 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida tekniċi rigward il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ ta' sustanzi perifluworoalkiliċi u polifluworoalkiliċi taħt il-parametru "PFAS Totali". Sat-2 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I biex tistabbilixxi l-istandards ta' kwalità għall-"PFAS Totali".

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 13(7) tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, il-Kummissjoni hija obbligata tistabbilixxi metodi ta' analiżi għall-PFAS Totali sat-12 ta' Jannar 2024. Bħala tali, huwa raġonevoli li l-Kummissjoni tingħata sena oħra biex tistabbilixxi tali metodi għall-ilmijiet tal-wiċċ u oħrajn. U ladarba dak il-metodu jiġi stabbilit, huwa raġonevoli li jkun meħtieġ li l-Kummissjoni temenda l-Anness I biex tistabbilixxi l-istandards ta' kwalità attwali.

Emenda 266
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Kummissjoni għandha mhux aktar tard minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] tistabbilixxi linji gwida tekniċi rigward il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ tal-"Bisfenoli Totali". Il-Kummissjoni għandha mhux aktar tard minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] temenda l-Anness I biex tistabbilixxi l-istandards ta' kwalità għall-"Bisfenoli Totali"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bisfenoli huma każ magħruf sew għal "sostituzzjoni mhux għaqlija": bisfenol wieħed jiġi sostitwit b'ieħor — eż. Bisfenol A b'Bisfenol S. Hemm ħafna Bisfenoli u l-proprjetajiet tagħhom huma simili. Għalhekk huwa importanti li l-grupp kollu tal-Bisfenoli jiżdied mal-Anness tas-sustanzi prijoritarji. Il-metodi għall-analiżi għandhom jiġu stabbiliti fi żmien sentejn, u l-istandards tal-kwalità għandhom jiġu stabbiliti fi żmien tliet snin.

Emenda 267
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tidentifika sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi li għalihom jista' jkun meħtieġ li jiġu	***imħassar***

stabbiliti EQS fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) ir-riskju maħluq mis-sustanzi niġġiesa, inkluż il-periklu tagħhom, il-konċentrazzjonijiet ambjentali tagħhom u l-konċentrazzjoni li 'l fuq minnha jistgħu jkunu mistennija l-effetti;

(b) id-disparità bejn l-EQS nazzjonali stabbiliti għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi minn Stati Membri differenti u l-grad sa fejn tali disparità hija ġustifikabbli;

(c) in-numru ta' Stati Membri li diġà qegħdin jimplimentaw EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi li qegħdin jiġu kkunsidrati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 268
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-riskju maħluq mis-sustanzi niġġiesa, inkluż il-periklu tagħhom, il-konċentrazzjonijiet ambjentali tagħhom ***u l-konċentrazzjoni*** li 'l fuq minnha jistgħu jkunu mistennija l-effetti;	(a) ir-riskju maħluq mis-sustanzi niġġiesa, inkluż il-periklu tagħhom, il-konċentrazzjonijiet ambjentali tagħhom, ***il-konċentrazzjoni*** li 'l fuq minnha jistgħu jkunu mistennija l-effetti ***u l-effetti kumulattivi tagħhom***;

Or. en

Emenda 269
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Is-sustanzi prijoritarji li, b'riżultat tar-rieżami msemmi fil-paragrafu 1, ikunu tneħħew mil-lista ta' sustanzi prijoritarji minħabba li ma għadhomx joħolqu riskju għall-Unjoni kollha, għandhom jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II, filwaqt li jiġu elenkati s-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u l-EQS armonizzati relatati li għandhom jiġu implimentati meta s-sustanzi niġġiesa jkunu ta' tħassib reġjonali jew nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 8d.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda biss elementi mhux essenzjali ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 270
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Sat-12 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida tekniċi rigward il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ ta' sustanzi perifluworoalkiliċiu polifluworoalkiliċi taħt il-parametri "PFAS Totali" u "Total

ta' PFAS", inkluż il-limiti ta' detezzjoni, il-valuri parametriċi u l-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni, sabiex jiġu stabbiliti l-EQS għas-sustanzi kkonċernati kollha. L-Anness I għandu jiġi rriežaminat skont dan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żmien huwa konformi mad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb.

Emenda 271
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena, Tiemo Wölken

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Sa...[daħħal id-data sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi EQS għall-grupp ta' bisfenoli, inklużi mill-inqas bisfenol-A, bisfenol-B u bisfenol-S, taħt il-parametru "Bisfenoli Totali" bl-użu ta' approċċ ta' fattur ta' potenza relattiv, u għandha tirriežamina l-Anness I skont dan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Considering that scientific reports show endocrine-disrupting potential also of bisphenols other than bisphenol-A and the ecotoxicological risk of mixtures of these bisphenols, and while these facts raise concerns regarding the safe use of alternatives to bisphenols that might have negative impact for human health and the environment, this amendment to the EQS Directive proposes a 'Bisphenols Total' parameter to be established. Monitoring requirements should include at least bisphenol-A, bisphenol-B and bisphenol-S as these have been identified as SVHC under REACH due to their endocrine-disrupting properties for the environment and human health.

Emenda 272
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-ECHA għandha, kull ***6*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt il-paragrafu 6. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	7. L-ECHA għandha, kull ***sitt*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt il-paragrafu 6. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 273
Michal Wiezik

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-ECHA għandha, kull ***6*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt il-paragrafu 6. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	7. L-ECHA għandha, kull ***ħames*** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt il-paragrafu 6. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi … [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 274

Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jippreżentaw il-firxa ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-valur tal-EQS għas-sustanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara prodotti f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE. L-Istati Membri li jipprovdu mapep addizzjonali kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom ifittxu li jiżguraw l-interkomparabbiltà tagħhom fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar u tal-Unjoni u għandhom jagħmlu d-data disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.	L-Istati Membri ***għandhom*** jippreżentaw il-firxa ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-valur tal-EQS għas-sustanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara prodotti f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE ***u konsegwentement għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-Artikolu 18 u l-Artikolu 21(5) tad-Direttiva (UE).../....[IED riveduta]***. L-Istati Membri li jipprovdu mapep addizzjonali kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom ifittxu li jiżguraw l-interkomparabbiltà tagħhom fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar u tal-Unjoni u għandhom jagħmlu d-data disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

Or. en

Emenda 275
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom, minn ***… [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-***	3. L-Istati Membri għandhom, minn ***36 xahar wara li jinħarġu l-linji gwida***

ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], għal perjodu ta' sentejn, jimmonitorjaw il-preżenza ta' sustanzi estroġeniċi fil-korpi tal-ilma, billi jużaw metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti. Huma għandhom iwettqu l-monitoraġġ mill-anqas erba' darbiet matul kull waħda mis-sentejn f'postijiet fejn it-tliet ormoni estroġeniċi 7-Beta estradjol (E2), Estron (E1) u Alfa-Etinil estradjol (EE2) elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva qegħdin jiġu mmonitorjati bl-użu ta' metodi analitiċi konvenzjonali f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u mal-Anness V ta' dik id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jużaw in-network ta' siti ta' monitoraġġ identifikati għall-monitoraġġ tas-sorveljanza ta' korpi rappreżentattivi tal-ilma tal-wiċċ f'konformità mal-punt 1.3.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

dwar il-metodi analitiċi ta' referenza, għal perjodu ta' sentejn, jimmonitorjaw il-preżenza ta' sustanzi estroġeniċi fil-korpi tal-ilma, billi jużaw metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti. Huma għandhom iwettqu l-monitoraġġ mill-anqas erba' darbiet matul kull waħda mis-sentejn f'postijiet fejn it-tliet ormoni estroġeniċi 7-Beta estradjol (E2), Estron (E1) u Alfa-Etinil estradjol (EE2) elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva qegħdin jiġu mmonitorjati bl-użu ta' metodi analitiċi konvenzjonali f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u mal-Anness V ta' dik id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jużaw in-network ta' siti ta' monitoraġġ identifikati għall-monitoraġġ tas-sorveljanza ta' korpi rappreżentattivi tal-ilma tal-wiċċ f'konformità mal-punt 1.3.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. ***F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jiġu integrati b'mod adegwat ir-riżorsi meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet u huwa essenzjali li jiġu previsti linji gwida speċifiċi u metodi analitiċi ta' referenza. Barra minn hekk, għandu jiġi pprovdut perjodu ta' taħriġ għall-persunal tal-Aġenziji Nazzjonali għall-Ambjent.***

Or. it

Emenda 276
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA, lista ta' sorveljanza tas-sustanzi li għalihom huwa	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA, lista ta' sorveljanza tas-sustanzi li għalihom huwa

meħtieġ li tinġabar data ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni kollha mill-Istati Membri u li jiġu stabbiliti l-formati li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għar-rapportar tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u ta' informazzjoni relatata lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).	meħtieġ li tinġabar data ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni kollha mill-Istati Membri u li jiġu stabbiliti l-formati li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għar-rapportar tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u ta' informazzjoni relatata lill-Kummissjoni. ***F'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet ta' kontroll, ma hemm l-ebda spiża li għandha titħallas mill-impriżi agrikoli.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

Or. it

Emenda 277
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' 10 sustanzi jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' 10 sustanzi jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. ***Madankollu, għal dawn l-istħarriġiet se jkun meħtieġ li tiġi pprovduta valutazzjoni dettaljata biex jiġu stmati l-ispejjeż jirriżultaw mill-monitoraġġ, mill-metodi analitiċi, mill-aġġornament tal-istrumentazzjoni u mill-persunal iddedikat.*** Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u

	li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Or. it

Emenda 278
Christian Doleschal, Marlene Mortler, Stefan Berger, Christine Schneider, Norbert Lins, Jens Gieseke

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' 10 sustanzi jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' 10 sustanzi jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi ***jew piż burokratiku*** għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Or. de

Emenda 279
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha ***massimu ta'*** 10 sustanzi jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti***. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha ***mhux aktar minn*** 10 sustanzi jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi ***jew piż amministrattiv*** għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li titqies il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet kompetenti, speċjalment dawk fi Stati Membri iżgħar u b'inqas riżorsi.

Emenda 280
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ***10 sustanzi*** jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ***15-il sustanza*** jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull

sustanza. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti***. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	sustanza. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti***. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.
	Or. en

Emenda 281
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun ***fiha massimu ta' 10*** sustanzi jew grupp ta' sustanzi ***fi kwalunkwe ħin***, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti***. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. ***Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti***. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.
	Or. en

Emenda 282
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Is-sulfati u l-ksantati għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza, sabiex tingħabar data ta' monitoraġġ bil-għan li tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni ta' miżuri xierqa biex jiġi indirizzat ir-riskju maħluq minn dawn is-sustanzi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sulfati huma sustanza niġġiesa komuni fl-ilma mormi tal-industriji kimika, tal-estrazzjoni, tal-metall u tal-polpa. It-tniġġis bis-sulfati kellu rwol importanti fil-permess – jew pjuttost ir-rifjut tal-permess - ta' fabbrika tal-polpa u tal-karta, proġett tal-minjiera u fabbrika tal-komponenti tal-batteriji fil-Finlandja. Is-sulfat huwa sustanza niġġiesa magħrufa sew fl-Iżvezja, u x'aktarx hekk f'ħafna Stati Membri oħra. Il-ksantati huma tossiċi fl-ilma f'konċentrazzjonijiet baxxi u l-ilma 'l isfel mill-operazzjonijiet tat-tħaffir spiss jiġi kkontaminat bil-ksantati. Dawn iż-żewġ gruppi ta' sustanzi għandhom jitqiegħdu fuq il-lista ta' sorveljanza.

Emenda 283
Ulrike Müller

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza. ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk l-***

inklużjoni tal-metaboliti tal-pestiċidi mhux rilevanti (NrMs) fil-lista ta' sorveljanza hijiex meħtieġa biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-data dwar il-preżenza tagħhom fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

(Din l-emenda tikkorrispondi għal emenda għad-Direttiva 2008/105/KE Anness I – tabella – ringiela 7.)

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva (UE) 2020/2184 dwar l-Ilma tax-Xorb ma tistabbilixxix valur ta' limitu għall-metaboliti tal-pestiċidi mhux rilevanti (NRMs). Peress li l-istandards tal-kwalità għall-ilma tax-xorb għandu jkollhom l-ogħla livell b'rabta ma' standards oħra tal-kwalità tal-ilma, mhuwiex evidenti għaliex għandhom japplikaw standards aktar stretti għal tipi oħra ta' ilma. Minflok, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li żżid l-NrMs fil-listi ta' sorveljanza li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 2(6) u l-Artikolu 3(7) tal-proposta.

Emenda 284
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula***, dawk is-sustanzi*** għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula***għandhom jiġu identifikati kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja***. ***Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa, għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula***, għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.

Or. en

Emenda 285
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ***analitiċi, preċiżi u omoġenji madwar l-Ewropa*** ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks***, inklużi t-tipi li għandhom jiġu investigati,*** u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.

Or. it

Emenda 286
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa***, wara diskussjoni pubblika u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti,*** għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.

Or. en

Emenda 287
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8(b) – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza ***mingħajr dewmien żejjed***.

Or. cs

Emenda 288
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 4 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:	L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis ***l-għarfien xjentifiku ewlieni u*** l-informazzjoni li ġejja:

Or. it

Emenda 289
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn u data u informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, ***jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data***.	(e) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn u data u informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, ***dment li l-mudelli jew valutazzjonijiet oħra ta' tbassir - kif ukoll sensuri u apparati użati huma aċċettati b'mod wiesa' fil-komunità xjentifika bħala approċċi sodi bbażati fuq ix-xjenza***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' komposti ta' tħassib potenzjali, huwa vitali li wieħed joqgħod biss fuq data verifikabbli u affidabbli.

Emenda 290
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn u data u informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, ***jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data***.	(e) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn u data u informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, ***dment li l-mudelli jew valutazzjonijiet, sensuri u apparati ta' tbassir oħra jkunu aċċettati b'mod wiesa' mill-komunità xjentifika bħala approċċi bbażati fuq bażijiet xjentifiċi sodi***;

Or. it

Emenda 291
Stanislav Polčák

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8(b) – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-lista ta' sorveljanza għandha tiġi aġġornata sa X [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tat-23 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem. Meta taġġorna l-lista ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe sustanza mil-lista ta' sorveljanza eżistenti li għaliha tqis li huwa possibbli li tivvaluta r-riskju tagħha għall-ambjent akkwatiku mingħajr data ta' monitoraġġ addizzjonali. Meta l-lista ta' sorveljanza tiġi aġġornata, sustanza individwali jew grupp ta' sustanzi jistgħu jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għal perjodu ieħor ta' massimu ta' 3 snin fejn tkun meħtieġa data ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju għall-ambjent akkwatiku. Kull lista ta' sorveljanza aġġornata għandha tinkludi wkoll sustanza ġdida waħda jew aktar li għalihom il-Kummissjoni tqis, abbażi tar-rapporti xjentifiċi tal-ECHA, li hemm riskju għall-ambjent akkwatiku.	2. Il-lista ta' sorveljanza għandha tiġi aġġornata sa X [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tat-23 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u ***mhux aktar tard minn*** kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem***. F'każ li jkun hemm bidla sinifikanti fl-istat tal-għarfien xjentifiku bejn ir-rieżamijiet li jkun jeħtieġ li tiġi riveduta l-lista, filwaqt li jitqies ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista aktar qabel, u mingħajr dewmien żejjed***. Meta taġġorna l-lista ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe sustanza mil-lista ta' sorveljanza eżistenti li għaliha tqis li huwa possibbli li tivvaluta r-riskju tagħha għall-ambjent akkwatiku mingħajr data ta' monitoraġġ addizzjonali. Meta l-lista ta' sorveljanza tiġi aġġornata, sustanza individwali jew grupp ta' sustanzi jistgħu jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għal perjodu ieħor ta' massimu ta' 3 snin fejn tkun meħtieġa data ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju għall-ambjent akkwatiku. Kull lista ta' sorveljanza aġġornata għandha tinkludi wkoll sustanza ġdida waħda jew aktar li għalihom il-Kummissjoni tqis, abbażi tar-rapporti xjentifiċi tal-ECHA, li hemm riskju għall-ambjent akkwatiku.

Or. cs

Emenda 292

Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ***jimmonitorjaw*** kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien 6 xhur mill-inklużjoni tas-sustanza fil-lista.	L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu mekkaniżmi għall-monitoraġġ ta'*** kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien 6 xhur mill-inklużjoni tas-sustanza fil-lista.

Or. en

Emenda 293
Karol Karski
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jimmonitorjaw kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ ***għandu*** jibda fi żmien ***6*** xhur mill-inklużjoni tas-sustanza fil-lista.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jimmonitorjaw kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ ***jista'*** jibda fi żmien ***disa'*** xhur mill-inklużjoni tas-sustanza fil-lista.

Or. en

Emenda 294
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas stazzjon ta' monitoraġġ wieħed, flimkien ma' stazzjon wieħed jekk ikollu aktar minn miljun abitant, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali ***għaż-żona ġeografika tiegħu f'km2 diviża b'60 000 (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ), flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali*** għall-popolazzjoni tiegħu diviża b'5 miljuni (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ).	Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas stazzjon ta' monitoraġġ wieħed, flimkien ma' stazzjon wieħed jekk ikollu aktar minn miljun abitant, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għall-popolazzjoni tiegħu diviża b'5 miljuni (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni b'mod impliċitu taffettwa b'mod sproporzjonat pajjiżi b'żona kbira ta' art u popolazzjoni żgħira. L-istazzjonijiet ta' monitoraġġ għandhom ikunu proporzjonali għall-popolazzjoni biss.

Emenda 295
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jevalwaw l-impatt fuq il-kwalità tal-ilma tal-iżvilupp ekonomiku tal-industriji relatati mat-tranżizzjoni enerġetika, bħas-settur tal-estrazzjoni, u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar theddid identifikat ġdid biex tiġi aġġornata l-lista ta' sorveljanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konformità tal-UE mal-objettivi tagħha tan-newtralità karbonika ma tridx tinkiseb għad-detriment ta' impatti ekoloġiċi kbar u mhux kwantifikati fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità tagħna. L-Istati Membri jeħtiġilhom jsegwu pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jivvalutaw aħjar it-theddid ikkawżat minn ċerti setturi emerġenti.

Emenda 296
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej
	Artikolu 8ba
	Faċilità Ewropea ta' Monitoraġġ
	Il-Kummissjoni Ewropea għandha taħtar faċilità Ewropea unika ta' monitoraġġ li tkun kapaċi twettaq ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ meħtieġa meta l-Istati Membri jitolbu dan, u b'hekk jitnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv tagħhom. L-użu ta' tali faċilità għandu jkun volontarju u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti diġà stabbiliti mill-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex l-Istati Membri b'kapaċità amministrattiva u finanzjarja limitata jkunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ, għandha titfassal faċilità unika ta' monitoraġġ b'aċċess volontarju.

Emenda 297
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) jiddaħħal l-Artikolu 8d li ġej:	***imħassar***
Artikolu 8d	
Sustanzi niġġiesa Speċifiċi għall-Baċiri Idrografiċi	
1.	
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u japplikaw EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi koperti mill-kategoriji elenkati fil-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva, fejn dawk is-sustanzi niġġiesa jippreżentaw riskju għall-korpi tal-ilma f'wieħed jew aktar mid-distretti tal-baċiri idrografiċi tagħhom abbażi tal-analiżijiet u r-rieżamijiet skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/UE, f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti B tal-Anness II ta' din id-Direttiva.	
L-Istati Membri għandhom, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jinformaw lill-ECHA bl-EQS imsemmija fl-ewwel subparagrafu. L-ECHA għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.	
2. Meta l-EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi jkunu ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni u elenkati fil-Parti C tal-Anness II, f'konformità mal-Artikolu 8, dawk l-EQS għandhom jieħdu preċedenza fuq l-EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi stabbiliti fil-livell nazzjonali f'konformità mal-paragrafu 1. Dawk l-EQS stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu applikati wkoll mill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu jekk is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi elenkati fil-Parti C tal-	

Anness II joħolqux riskju.

3. Il-konformità mal-EQS nazzjonali applikabbli jew mal-EQS stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, fejn rilevanti, hija meħtieġa sabiex korp tal-ilma jkun fi stat kimiku tajjeb, f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(24) tad-Direttiva 2000/60/KE."

Or. it

Emenda 298
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8d – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fl-iffissar u l-applikazzjoni għall-EQS għas-sustanzi speċifiċi niġġiesa tal-baċin idroloġiku, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-bijodisponibbiltà tal-metalli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jintużaw għodod tal-kejl adegwati.

Emenda 299
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva	1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva

sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***]**.**	sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36 xahar wara l-adozzjoni tal-Linji Gwida dwar il-metodi ta' referenza għall-analiżi***]

Or. it

Emenda 300
Alexandr Vondra

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***18-il xahar*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***24 xahar*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 301
Milan Brglez, Monika Beňová, Sara Cerdas, Robert Hajšel, Biljana Borzan, Maria Arena

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Anness V

Test fis-seħħ	*Emenda*
	10a. Punt 1.3.4 fl-Anness V huwa emendat kif ġej:
1.3.4. Frekwenza ta' monitoraġġ	"1.3.4. Frekwenza ta' monitoraġġ
Għall-perjodu ta' monitoraġġ ta' sorveljanza, il-frekwenzi għal monitoraġġ ta' parametri indikattivi ta' elementi ta' kwalità fiżiko-kimika mogħtija hawn taħt	Għall-perjodu ta' monitoraġġ ta' sorveljanza, il-frekwenzi għal monitoraġġ ta' parametri indikattivi ta' elementi ta' kwalità fiżiko-kimika mogħtija hawn taħt

iridu jiġu applikati sakemm intervalli akbar ma' jkunux ġustifikati fuq il-bażi ta' taħriġ tekniku u ġudizzju ta' espert. Għal elementi ta' kwalità bioloġika jew idromorfoloġika monitoraġġ irid isir għall-inqas darba matul il-perjodu ta' monitoraġġ ta' sorveljanza.

Għal monitoraġġ operazzjonali, il-frekwenza ta' monitoraġġ meħtieġa għal kull paramentru trid tkun stabbilita minn Stati Membri sabiex tipprovdi data suffiċenti għal stat ta' min joqgħod fuqu tal-element ta' kwalità relevanti. Bħala linja ta' gwida, monitoraġġ irid jitwettaq f'intervalli li ma' jeċedux dawk li jidhru fit-tabella hawn taħt sakemm intervalli akbar ma' jiġux ġustifikati fuq il-bażi ta' taħriġ tekniku u ġudizzju ta' espert.

Frekwenzi jridu jiġu magħżula sabiex jinkiseb livell aċċettabbli ta' kunfidenza u preċiżjoni. Stimi tal-kunfidenza u preċiżjoni milħuqa mis-sistema ta' monitoraġġ użata jridu jiġu ddikjarati fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.

Frekwenzi ta' monitoraġġ iridu jiġu magħżula li jieħdu konsiderazzjoni tal-varjabilità fil-parametri li jirriżultaw kemm mill-kundizzjonijiet naturali u wkoll minn dawk antropoġeniċi. Iż-żminijiet ta' meta jitwettaq monitoraġġ iridu jiġu magħżula sabiex jitnaqqas l-impatt ta' varjazzjoni tal-istaġuni fuq ir-riżultati, u b'hekk jiżguraw li r-riżultati jirriflettu bdil fil-korp ***ta' l-ilma*** bħala riżultat ta' bdil minħabba pressa antropoġenika. Monitoraġġ addizzjonali matul staġuni differenti tal-istess sena jridu jsiru, ***fejn meħtieġ,*** biex jinkiseb dan il-għan.

iridu jiġu applikati sakemm intervalli akbar ma' jkunux ġustifikati fuq il-bażi ta' taħriġ tekniku u ġudizzju ta' espert. Għal elementi ta' kwalità bioloġika jew idromorfoloġika monitoraġġ irid isir għall-inqas darba matul il-perjodu ta' monitoraġġ ta' sorveljanza.

Għal monitoraġġ operazzjonali, il-frekwenza ta' monitoraġġ meħtieġa għal kull paramentru trid tkun stabbilita minn Stati Membri sabiex tipprovdi data suffiċenti għal stat ta' min joqgħod fuqu tal-element ta' kwalità relevanti. Bħala linja ta' gwida, monitoraġġ irid jitwettaq f'intervalli li ma' jeċedux dawk li jidhru fit-tabella hawn taħt sakemm intervalli akbar ma' jiġux ġustifikati fuq il-bażi ta' taħriġ tekniku u ġudizzju ta' espert.

Frekwenzi jridu jiġu magħżula sabiex jinkiseb livell aċċettabbli ta' kunfidenza u preċiżjoni. Stimi tal-kunfidenza u preċiżjoni milħuqa mis-sistema ta' monitoraġġ użata jridu jiġu ddikjarati fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.

Frekwenzi ta' monitoraġġ iridu jiġu magħżula li jieħdu konsiderazzjoni tal-varjabilità fil-parametri li jirriżultaw kemm mill-kundizzjonijiet naturali u wkoll minn dawk antropoġeniċi. Iż-żminijiet ta' meta jitwettaq monitoraġġ iridu jiġu magħżula sabiex jitnaqqas l-impatt ta' varjazzjoni tal-istaġuni fuq ir-riżultati, u b'hekk jiżguraw li r-riżultati jirriflettu bdil fil-korp ***tal-ilma*** bħala riżultat ta' bdil minħabba pressa antropoġenika. ***Fir-rigward tas-sustanzi prijoritarji li huma sensittivi għall-varjabbiltà klimatika jew staġjonali, il-monitoraġġ għandu jitwettaq b'mod aktar frekwenti, kif stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b(1) tad-Direttiva 2008/105/KE.*** Monitoraġġ addizzjonali matul staġuni differenti tal-istess sena jridu jsiru, biex jinkiseb dan il-għan.

Or. en

(32000L0060)

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta għall-Anness V tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tiżgura li dawk is-sustanzi prijoritarji li huma sensittivi għall-varjabbiltà klimatika jew staġjonali jiġu mmonitorjati aktar ta' spiss minn darba fix-xahar, li hija r-regola ġenerali. Billi jkopri l-eqqel avvenimenti li jistgħu jkunu konsegwenza ta' attivitajiet klimatiċi (perjodi ta' xita qawwija) jew antropoġeniċi (staġun tal-bexx fl-agrikoltura), il-monitoraġġ għandu jippermetti riżultati aktar preċiżi tal-istat tal-ilma peress li l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi matul dawn il-perjodi speċifiċi huma konsiderevolment ogħla bħalma huwa l-impatt tagħhom fuq l-organiżmi akkwatiċi.

Emenda 302
Michal Wiezik

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2000/60/KE
Anness V – punt 2.4.5 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jridu wkoll jindikaw b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li huma soġġetti għal trend ***l-fuq*** sinifikanti u sostnuta fil-konċentrazzjonijiet ta' kull kontaminant li jirriżulta mill-impatt ta' attività umana. Dawrien bil-kontra ta' direzzjoniji trid tiġi indikata b'tikka blu fuq il-mappa.	L-Istati Membri jridu wkoll jindikaw b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi ***ta' l-ilma*** ta' taħt l-art li huma soġġetti għal trend ***'l fuq*** sinifikanti u sostnuta***, inkluża trend staġjonali 'l fuq ikkawżata fost l-oħrajn minn skariu baxx ta' korp tal-ilma,*** fil-konċentrazzjonijiet ta' kull kontaminant li jirriżulta mill-impatt ta' attività umana. Dawrien bil-kontra ta' direzzjoniji trid tiġi indikata b'tikka blu fuq il-mappa.

Or. en

Emenda 303
Róża Thun und Hohenstein, Michal Wiezik, Martin Hojsík, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2000/60/KE
Anness V – punt 2.4.5 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-Istati Membri jridu wkoll jindikaw b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi ***ta' l-ilma*** ta' taħt l-art li huma soġġetti għal ***trend l-fuq*** sinifikanti u sostnuta fil-konċentrazzjonijiet ta' kull kontaminant li jirriżulta mill-impatt ta' attività umana. Dawrien bil-kontra ta' direzzjoniji trid tiġi indikata b'tikka blu fuq il-mappa.	L-Istati Membri jridu wkoll jindikaw b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi ***tal-ilma*** ta' taħt l-art li huma soġġetti għal ***trends 'l*** fuq sinifikanti u sostnuta***, inklużi trends staġjonali 'l fuq,*** fil-konċentrazzjonijiet ta' kull kontaminant li jirriżulta mill-impatt ta' attività umana. Dawrien bil-kontra ta' direzzjoniji trid tiġi indikata b'tikka blu fuq il-mappa.

Or. en

Emenda 304
Pietro Fiocchi

Proposta għal direttiva
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2000/60/KE
Anness VIII – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-punt 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
'10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks.;"	
	(Din l-emenda tapplika fit-test kollu. L-adozzjoni tagħha tkun teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu jelenka l-gruppi ta' komposti li huma indikattivi ta' "sustanzi niġġiesa ewlenin". Fost dawk il-"Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks" mhijiex speċifika biżżejjed u ma tiżgurax li dan ir-rekwiżit jista' u se jiġi applikat b'mod sinifikattiv peress li jista' jinkludi ħafna materjali mhux problematiċi. Għaldaqstant, din ir-referenza għandha titħassar.

Emenda 305
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva

Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2000/60/KE
Anness VIII – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks.;	10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks ***kif ukoll materjali li jagħtu lok għal mikro/nanoplastiks***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni li tinkludi b'mod espliċitu mikro/nanoplastiks fil-lista indikattiva ta' sustanzi niġġiesa hija milqugħa. Madankollu, il-materjali li jagħtu lok għal tali sustanzi niġġiesa għandhom ukoll jiġu elenkati b'mod espliċitu.

Emenda 306
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Anness II – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2000/60/KE
Anness VIII – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2) jiżdied il-punt 13:	***imħassar***
'13. Mikroorganiżmi, ġeni jew materjal ġenetiku li jirriflettu l-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-aġenti antimikrobiċi, b'mod partikolari mikroorganiżmi patoġeniċi għall-bnedmin jew għall-bhejjem.	

Or. it

Emenda 307
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Anness III
Direttiva 2006/118/KE

Anness Ia – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jekk korp ta' ilma ta' taħt l-art partikolari, b'mod partikolari korp ta' ilma ta' taħt l-art fin-network ekoloġiku ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, x'aktarx jirriżulta fi standards ta' kwalità ta' ilma ta' taħt l-art, li l-għanijiet ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE għall-ilmijiet tal-wiċċ assoċjati ma jistgħux jintlaħqu, jew li jista' jseħħ deterjorament sinifikanti fil-kwalità ekoloġika jew kimika ta' dawk il-korpi tal-ilma jew ħsara sinifikanti lill-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art jew ekosistemi terrestri direttament skont il-korp ta' ilma ta' taħt l-art ikkonċernat, valuri aktar stretti ta' limitu għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u l-Anness II ta' din id-Direttiva Il-programmi u l-miżuri meħtieġa fir-rigward ta' tali valur ta' limitu għandhom japplikaw ukoll għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/676/KEE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment firstly reintroduces the wording of the provision in Annex I of the Groundwater Directive which the Commission proposed to delete in its proposal for revision This will ensure that in areas, and in particular protected areas such as Natura 2000, where groundwater quality standards could result in the environmental objectives of the WFD not being met, stricter threshold values are set to ensure better protection of these areas.

Second, it ensures that all aquatic ecosystems, including groundwater ecosystems, are adequately protected and that Article 4 (5) of the Groundwater Directive can be met.

Emenda 308
Michal Wiezik

Proposta għal direttiva
Anness III

ID-DIRETTIVA 2006/118/KE
Anness I – Parti Introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Nota 1: Il-QS għas-sustanzi niġġiesa elenkati taħt l-entrati 3 sa 7 għandhom japplikaw minn … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***18-il xahar*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva li temenda], bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma sa mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2033.	Nota 1: Il-QS għas-sustanzi niġġiesa elenkati taħt l-entrati 3 sa 7 għandhom japplikaw minn … [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***sitt xhur*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva li temenda], bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma sa mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2033.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istatus kimiku tajjeb għandu jintlaħaq wara t-tielet pjan ta' ġestjoni tal-baċin idroloġiku, wieħed wara dak attwali 2022-2027. Il-QS għandhom jiġu stabbiliti kemm jista' jkun malajr sabiex il-miżuri jiġu kkunsidrati kif suppost fit-tielet RBMP, kif ukoll fir-rigward tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali għal sustanzi niġġiesa industrijali, eċċ.

Emenda 309
Pietro Fiocchi

Proposta għal direttiva
Anness III
Direttiva 2006/118/KE
Anness I – Nota 8 f'qiegħ il-paġna

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "Total" tfisser is-somma tal-farmaċewtiċi individwali kollha skoperti u kwantifikati fil-proċedura ta' monitoraġġ, inklużi l-metaboliti rilevanti u l-prodotti ta' degradazzjoni tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

A groundwater EQS of 0.25 ug/L for active pharmaceutical substances (total) is proposed. The proposal defines this group of substances to include "the sum of all individual pharmaceuticals detected and quantified in the monitoring procedure, including relevant metabolites and degradation products". There isn't a scientific basis creating a groundwater

EQS for the sum individual pharmaceuticals.

Synergistic and additive effects with chemicals, such as pharmaceuticals, only occurs if the compounds have similar mechanisms of action. Even under these conditions, additivity is rare. This why there is no additional benefit from taking an acetaminophen (paracetamol) tablet with an aspirin. Even though their mechanisms of action are similar, there is no additive effect.

No relevant scientific data as the background of this proposed EQS has been transparently presented. Based on this, we would request that this proposed EQS be removed from the final directive. If regulation is warranted for individual active pharmaceutical substances in groundwater the Commission should propose EQS for each individual substance following scientifically justified and transparent processes.

Emenda 310
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Anness III
Direttiva 2006/118/KE
Anness I – Nota ta' qiegħ il-paġna 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Ir-referenzi kollha għall-PFAS jinkludu l-melħ u l-isomeri strutturali lineari u ramifikati tagħhom.

Or. it

Emenda 311
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Anness III
Direttiva 2006/118/KE
Anness I – Nota ta' qiegħ il-paġna 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12b. Minħabba l-kriterji differenti għall-identifikazzjoni tal-metaboliti fl-Istati Membri, se jkun meħtieġ li tiġi pprovduta, qabel id-dħul fis-seħħ ta' din

id-Direttiva, lista ta' sustanzi attivi akkumpanjati minn metaboliti rilevanti u mhux rilevanti b'informazzjoni dwar ir-riskju assoċjat.

Or. it

Emenda 312
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Anness IV – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2006/118/KE
Anness II – parti B – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. fil-parti B, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Listi minimi ta' sustanzi niġġiesa u l-indikaturi tagħhom li għalihom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri ta' limitu skont l-Artikolu 3"

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Anness II, il-Parti B fih sustanzi tossiċi ħafna magħrufa sew bħal, fost l-oħrajn, il-kadmju, iċ-ċomb u l-merkurju. L-Istati Membri ma għandhomx jikkunsidraw biss li jistabbilixxu limiti għal sustanzi bħal dawn, iżda fil-fatt jagħmlu dan.

Emenda 313
Karol Karski

Proposta għal direttiva
Anness IV – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2006/118/KE
Anness 2 – parti B – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Primidon	***imħassar***

Or. en

Emenda 314
Marina Mesure

Proposta għal direttiva
Anness IV – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2006/118/KE
Anness II – parti B – punt 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jiddaħħal il-punt 4 li ġej:
	"4. indikaturi oħra rilevanti għall-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art u għall-protezzjoni aħjar tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art: Temperatura Bijoloġija Input tal-ilma tal-wiċċ."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura li jitqiesu kriterji aħjar għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità fl-ilmijiet taħt l-art.

Emenda 315
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Anness IV – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2006/118/KE
Anness II – parti B – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. fil-Parti B, jiżdied il-punt 3a li ġej:
	3a. Indikaturi oħra rilevanti għall-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art u għall-protezzjoni aħjar tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art:
	Temperatura
	Bijoloġija
	Input tal-ilma tal-wiċċ

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura li jitqiesu kriterji aħjar għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità fl-ilmijiet taħt l-art.

Emenda 316
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Anness V – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2008/105/KE
Anness I – Parti A – Tabella – Ringiela 2 – Nota ta' qiegħ il-paġna 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan il-parametru huwa l-EQS espress bħala valur medju annwali (AA-EQS). Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan japplika għall-konċentrazzjoni totali tas-sustanzi u l-isomeri kollha.	(3) Dan il-parametru huwa l-EQS espress bħala valur medju annwali (AA-EQS). Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan japplika għall-konċentrazzjoni totali tas-sustanzi u l-isomeri kollha***, inklużi l-isomeri ramifikati***.

Or. it

Emenda 317
Rosanna Conte, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Danilo Oscar Lancini, Elisabetta De Blasis

Proposta għal direttiva
Anness V – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2008/105/KE
Anness I – Parti A – Tabella – Ringiela 9 – Nota ta' qiegħ il-paġna 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ma huwa pprovdut l-ebda parametru indikattiv għal dan il-grupp ta' sustanzi. ***Il-parametru/i indikattiv(i) irid(u) jiġi/u ddefinit(i) permezz tal-metodu analitiku***.	(10) Ma huwa pprovdut l-ebda parametru indikattiv għal dan il-grupp ta' sustanzi. ***B'riżultat ta' dan, dawn se jkollhom jiġu identifikati b'mod ċar u standardizzati fil-livell tal-Istati Membri***.

Or. it

Emenda 318
Ville Niinistö

Proposta għal direttiva
Anness VI
Direttiva 2008/105/KE
Anness II – Parti A – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks	10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks***, kif ukoll materjali li jagħtu lok għal mikro/nanoplastiks;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni li tinkludi b'mod espliċitu mikro/nanoplastiks fil-lista indikattiva ta' sustanzi niġġiesa hija milqugħa. Madankollu, il-materjali li jagħtu lok għal tali sustanzi niġġiesa għandhom ukoll jiġu elenkati b'mod espliċitu.

Emenda 319
Karol Karski

Proposta għal direttiva
Anness VI
Direttiva 2008/105/KE
Anness II – Parti A – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sustanzi li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni (b'mod partikolari, nitrati u	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' nitrati u fosfati fl-Anness II se jkollha l-effett li tħawwad l-istatus ekoloġiku mal-istatus kimiku, filwaqt li dawn iż-żewġ aspetti tal-valutazzjoni tal-istat tal-ilma għandhom jiġu separati.

Emenda 320
Dace Melbārde

Proposta għal direttiva
Anness VI
Direttiva 2008/105/KE
Anness II – parti B – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da. meta jiġu stabbiliti l-EQS għall-metalli, il-mudelli tal-bijodisponibbiltà għandhom jiġu kkunsidrati li jqisu diversi parametri tal-kwalità tal-ilma li jaffettwaw il-bijodisponibbiltà tal-metalli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeħtiġilhom jużaw għodod ta' kejl tal-ħoss.